


# "Inqum u mmur għand missieri"

*(Lq 15,18)*

**Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għar-Randan**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**2007**

## KELMTEJN TA' QABEL

Imnebbħa mill-Pjan Pastorali Djoċesan, il-Knisja f'Għawdex tħabrek biex tipprova "tgħix aktar fil-fond il-ġrajja salvifika ta' Kristu" (n.1). Dan hi tagħmlu billi tgħix l-ewwelnett is-sejħa tagħha li tkun Knisja, jiġifieri komunità miġbura madwar il-mejda tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija.

Biex tkun tista' twettaq aħjar din is-sejħa-missjoni matul dan iż-żmien liturġiku tar-Randan, il-Knisja f'Għawdex qed tirrifletti fuq il-parabbola ta' l-imħabba ġeneruża u tal-ħniena infinita tal-Missier (ara Lq 15,11-32), komunement magħrufa bħala "Il-parabbola ta' l-Iben il-Ħali'. Imma l-aċċent ta' Ġesù m'huwiex biss fuq l-atteġġjament taż-żewġ ulied li, min b'mod u min b'mod ieħor, tbiegħdu mid-dar, imma fuq kollox fuq l-atteġġjament tal-Missier, li jistenna lil uliedu jirritornaw għandu u joħroġ jiltaqa' magħhom biex iaħaddanhom u jdaħħalhom f'darhom għall-festa li hu stess jagħmlilhom. Hu b'dan il-mod li ż-żewġ ulied jiskopru li huma tassew ulied, għax jagħrfu min hu l-Missier tagħhom.

Hu min din il-parabbola-ġrajja li slitna t-tema prinċipali ta' dan is-sussidju: "Inqum u mmur għand Missieri". L-għan tas-sussidju hu li jgħin lill-Knisja f'Għawdex u lill-insara mhux biss "inqumu" u mmorru lura għand il-Missier (mixja ta' konverżjoni, ta' tiġdid), imma wkoll li niskopru dejjem aktar, kemm bħala Knisja-komunità kif ukoll b'mod individwali, il-paternità tal-Missier: "Għandi xewqa kbira li dan il-Missier, li jinsab b'dirgħajh miftuħa biex iħaddan lil kulħadd, ikun magħruf u maħbub!" (Mons. Isqof Mario Grech, Pastorali tar-Randan 2007) Dan il-Knisja tagħmlu billi titlob lill-Ispirtu s-Santu ħalli jqanqal il-mixja tal-konverżjoni u jakkumpanjana fit-triq li twassal għand il-Missier.

Bħala għajnuna viżiva s-sussidju qed jagħmel użu minn ikona biżantina tal-Knisja Ukraina Ortodossa ta' l-Istati Uniti. L-ikona hi maqsuma f'żewġ partijiet: in-naħa ta' fuq turi nixfa u deżolazzjoni, u tirrakkonta żewġ fażijiet mill-ħajja ta' l-iben iż-żgħir: il-mument ta' l-għaks fejn it-tifel iż-żgħir spiċċa jirgħa l-qżieqeż, u d-deċiżjoni li jerġa' lura għand missieru. Il-parti tan-naħa ta' isfel fiha erba' xeni, li jkompli jfissru l-parabbola: it-tgħannieqa tal-missier mat-tifel iż-żgħir (li tokkupa l-parti ċentrali); il-qtil ta' l-għoġol l-imsemmen; l-ikla (fejn naraw il-missier u ż-żewġ ulied miġbura madwar il-mejda); u l-ferħ tat-tfal jiżfnu għax dan l-iben li kien mitluf u mejjet issa reġa' daħal fil-familja tal-missier.

Ġesù jtemm il-parabbola bl-istedina tal-missier liż-żewġ ulied biex jieħdu sehem fil-festa li l-missier stess ħejja: "ejjew nagħmlu festa". Din l-istedina għall-festa, impliċita fl-ikona tar-Randan, trid tindika l-mixja tal-Knisja f'dan ir-Randan: mixja li mhix biss waħda kwareżimali li tilħaq il-qofol taħal fiċ-ċelebrazzjoni liturġika tat-Tridu Paskwali, imma wkoll mixja li tkompli matul iż-żmien ta' l-Għid sa Pentekoste, meta niċċelebraw l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu lill-Knisja, li hu s-suġġett prinċipali tal-Pjan Pastorali Djoċesan.

Għalhekk, matul iż-żmien ta' l-Għid il-Knisja f'Għawdex se tistedinna "nagħmlu festa" billi nikkontemplaw u niċċelebraw l-ikla vera li l-Missier iħejji għalina, mhux aktar ta' l-għoġol l-imsemmen imma ta' Ibnu stess fl-Ewkaristija.

Is-sussidju tar-Randan fih disa' taqsimiet: Tħabbira tar-Randan; Riflessjonijiet dwar il-Vanġelu tal-Ħdud; Il-Liturġija tal-Kelma li takkumpanja l-Ħdud tar-Randan; Temi għall-omeliji; Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan; żewġ ċelebrazzjonijiet għal ma' l-adolexxenti: Ċelebrazzjoni penitenzjali u Ċelebrazzjoni ta' qima lis-Salib; Dramm qasir għat-tfal; u l-Għemejjel ta' penitenza fil-mixja tal-konverżjoni, li tant jagħmlu sens f'dan iż-żmien liturġiku.

Nixtieq nirringrazzja lil diversi persuni li ħadmu biex stajna noffru dan is-sussidju: Kappillan Nazju Borg, Dun Manwel Magro, Dun Anton Teuma, Kan. Ġwann Sultana, Kan. Joseph Sultana, Kappillan Daniel Xerri, u l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ Għawdex.

# 1. ĦTABBIRA TAR-RANDAN IMQADDES

## 1. Ir-Randan fl-istorja:

1.1. Matul is-snin ta' l-istorja ngħaqdu flimkien iż-żmien ta' preparazzjoni għall-festa tal-Għid, iż-żmien ta' preparazzjoni għall-Magħmudija u ż-żmien tar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti pubbliċi. L-użu ta' l-irmied u taċ-ċilizzju huwa marbut mal-penitenti, bi tħejjija għar-rikonċiljazzjoni f'Ħamis ix-Xirka.

1.2. Il-Knisja bbażat dan iż-żmien ta' tħejjija għall-Għid u l-Magħmudija, u ta' penitenza, fuq l-Iskrittura Mqaddsa. Ġesù għadda 40 jum u 40 lejl fid-deżert u rnexxielu jiġġieled u jirbaħ lix-xitan; Mosè għadda 40 jum u 40 lejl fuq is-Sinaj biex irċieva l-Kelma tal-Patt; Elija mexa għal 40 jum u 40 lejl biex wasal fuq il-muntanja Ħoreb; Ġona mexa u ħeġġeġ għall-penitenza għal 40 ġurnata fil-belt ta' Ninwè. Iż-żmien tar-Randan huwa sagrament – sinjal ta' salvazzjoni.

1.3. Fil-Medju Evu, il-figuri tal-illuminandi (katekumeni) adulti u tal-penitenti għabu, iżda l-karatteristiċi Battezimali u Penitenzjali tar-Randan baqgħu preżenti. Kull nisrani huwa katekumenu u penitent, u kull nisrani huwa mħeġġeġ biex jgħix iż-żmien ta' qabel l-Għid bi spirtu ta' Katekumenu u bi spirtu ta' Penitent.

## 2. Ir-Randan fil-Liturġija:

2.1. F'kull żmien tal-Liturġija l-Knisja tiċċelebra l-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Fir-Randan il-Knisja tgħix il-misteru ta' Ġesù li jimxi lejn Ġerusalemm biex iwettaq il-misteru tal-Għid. Hu u miexi jiġbed warajh il-Knisja kollha. Hekk Ġesù huwa protagonista, mudell u mgħallem tar-Randan.

2.2. Huwa żmien ta' konverżjoni – metanoia, fi kliem ieħor tikkonfronta ruħek mal-persuna ta' Ġesù Kristu u tħallih isalvak.

2.3. L-aħbar it-tajba mxandra mill-Knisja fir-Randan:

2.3.1. ***Matul il-ġimgħa***: minn Ras ir-Randan sas-Sibt tat-Tielet Ġimgħa insibu <u>l-mixja tan-nisrani</u> dixxiplu ta' Kristu. Mit-Tnejn tar-Raba' Ġimgħa sas-Sibt tal-Ħames Ġimgħa <u>nsibu l-mixja ta' Kristu</u> lejn l-Għid fil-vanġelu ta' San Ġwann.

2.3.2. ***Il-Ħdud***:

- fl-Ewwel Ħadd hemm il-ġrajja ta' Ġesù ttentat mix-xitan;
- fit-Tieni Ħadd il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni;
- fit-Tielet Ħadd hemm is-sejħa għall-konverżjoni;
- fir-Raba' Ħadd il-parabbola tal-Iben il-ħali; u
- fil-Ħames Ħadd il-maħfra tal-adultera.

2.3.3. ***Is-suġġett prinċipali*** tal-Vanġelu tal-Ħdud fis-sena Ċ huwa **l-mixja tal-Knisja lejn il-konverżjoni**.

2.4. Ir-risposta konkreta tagħna għall-proposta Liturġika hija Konverżjoni li titwettaq:
2.4.1. bis-Smiegħ tal-Kelma u t-Talb,
2.4.2. bis-Sawm u l-Penitenza,
2.4.3. bil-Karità.

## 3. Is-sejħa tal-Knisja għal Ras ir-Randan: "Idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa" (Mt 6,6)

3.1. "*Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas minn għand Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mt 6,1): Ġesù jitlob lil dawk li jridu jimxu warajh biex l-intenzjoni tal-għemil tagħhom tisboq lil dik tal-kittieba u l-fariżej. "*Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-fariżej ma tidħlux fis-saltna tas-Smewwiet*" (Mt 5,20). "*Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mt 5,48).

3.2. "*Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagoġi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xelluġija ma għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu*" (Mt 6,2-4): Il-karità kienet waħda mill-għemejjel l-aktar komuni qalb il-poplu Lhudi. Karità lit-tempju u karità lejn xulxin. Qabel ma l-Lhud kienu jitfgħu l-offerta tagħhom fit-tempju, b'leħen għoli kienu jxandru l-ammont ta' karità li qegħdin jagħmlu. "*Inħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal*" (Lq 18,12). Il-karità vera hija dik immotivata mill-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Karità bħal din żgur li taqta' fil-laħam il-ħaj. *Love until it hurts.* "*Refa għajnejh u ra l-għonja jitfgħu l-offerti tagħhom fit-teżor tat-tempju. U ra wkoll waħda armla fqira titfa' biċċtejn żgħar tal-flus, u qal: Ngħidilkom is-sewwa, din l-armla fqira tefgħet iktar minnhom ilkoll. Għax dawn kollha għamlu l-offerti miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet dak kollu li kellha biex tgħix*" (Lq 21,1-4).

3.3. "*U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu fis-sinagoġi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu*" (Mt 6,5-6): Meta kienu joffru s-sagrifiċċji fit-tempju, il-Lhud kienu jirreċtaw ħafna talb b'vuċi għolja. Is-sinagoga kienet meqjusa bħala simbolu tat-tempju, u hemm ukoll kienu jitolbu b'vuċi għolja. Ħafna drabi, meta jasal il-ħin tat-talb, kienu jitolbu fit-triq billi jtennu siltiet twal mill-iskrittura bl-amment; bil-pika min jitlob l-aktar. Jista' jkun li aħna nippruvaw nidhru fi ħwejjeġ oħra. Għadna miexja lejn ħajja ta' talb… forsi l-Fariżej qegħdin ftit qabilna f'din il-ħaġa. Imbagħad jeħtieġ niddixxernu l-motivazzjonijiet. "*Kien hemm xi wħud li waħħlu f'rashom li huma nies ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola: Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor publikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu. Il-Farizew wieqaf, talab hekk f'qalbu: O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-publikan.*" (Lq 18,9-11).

3.4. "*Meta ssumu, tqarrsux wiċċkom, bħalma jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn ikerrhu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom diġà ħaduh. Iżda int, meta tkun sajjem, idlek xagħrek u aħsel wiċċek, biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.*" (Mt 6,16-18): Is-sawm kien sinjal ta' penitenza – konverżjoni – metanoia. Digà fl-A.T. il-profeti kienu jiddistingwu bejn sawm awtentiku u sawm apparenti. "*Jaqaw jien jogħgobni sawm bħal dan, jum biex bniedem jgħakkes lilu nnifsu?... Tgħidlu int dan sawm, jum jogħġob lill-Mulej? Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin, u tkisser kull madmad? Mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf? Mhux li tlibbes lil min hu għarwien, u n-nies ta'darek ma tinsihomx?*" (Is 58,5-7). Is-sawm veru huwa espressjoni ta' bidla vera tal-qalb – il-qalb li ddur lejn Alla. U għalhekk huwa okkażżjoni ta' ferħ, għax il-konverżjoni hija festa: "*U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom, Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli. Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema*" (Lq 15,5-7; cfr. Lq 15,9-10. 22-23). Aktarx li qegħdin ngħixu fi żmien li ma tantx jaċċetta l-mortifikazzjoni, u għalhekk jista' jkun li hemm bżonn nirkupraw is-sawm – kontroll fuqna nfusna, bħala espressjoni tal-konverżjoni. "*Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa... imma l-publikan, bilwieqfa fil-bogħod, anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u igħid: Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!*" (Lq 18,12-13).

# 2. RIFLESSJONIJIET DWAR IL-VANĠELU TAL-ĦDUD TAR-RANDAN

## 1. L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN

### "Tqanqal mill-Ispirtu s-Santu biex imur fid-deżert" (Lq 4,1)

1. "*Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, reġa' lura mill-Ġordan u tqanqal mill-Ispirtu s-Santu biex imur fid-deżert, fejn għal erbgħin jum kien imġarrab mix-xitan.*" (Lq 4,1)

Il-Ġordan: Etimoloġikament "dak li jinżel". **Il-post tal-Ispirtu**. Jieħu pussess fuq ħajjitna. Il-post tal-**umiltà** - "*Niżel mela u għodos fil-Ġordan seba' darbiet, skond il-kelma tar-raġel ta' Alla, u reġa' sar ġismu safi bħal ġisem ta' tifel żgħir*" (2Sla 5,14). Il-post tal-**konverżjoni**, **stqarrija tad-dnubiet** u **magħmudija** ta' Ġwanni - "*U kienet tmur għandu Ġerusalemm u l-Lhudija kollha u l-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, u jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom*" (Mt 3,5-6). Il-post tad-**deċizjonijiet** il-kbar - fejn Ġesù jagħżel li jkun ħellies skond l-istil tal-Qaddej ta' Jahvè: "*U ġara li f'dawk il-jiem ġie Ġesù minn Nazaret tal-Galilija, u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan. U minnufiħ hu u tiela' mill-ilma, ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu; u mis-smewwiet instama' leħen: Inti Ibni l-għażiż: fik sibt il-għaxqa tiegħi.*"(Mk 1,9-11) "*Ara, il-qaddej tiegħi li Jien inwieżnu, il-maħtur tiegħi li bih nitgħaxxaq. Inqiegħed ruħi fuqu,...*" (Is 42,1; tista' tara wkoll Is 53).

Id-deżert: Il-post tal-vojt u tat-tentazzjoni - Mosè jaħrab mill-Eġittu lejn id-deżert ta' Midjan meta jinduna li bil-ħila tiegħu waħdu ma jistax jeħles lill-poplu tiegħu (Eż 2,15). "*Sabu f'art il-barr, f'xagħri ta' għajjat waħxi; dar bih, ħa ħsiebu, ħarsu bħall-mimmi ta' għajnejh*" (Dew 32,10). "*Li kontu llum tisimgħu leħnu! La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba, bħal dak in-nhar ta' Massa fid-deżert, fejn ġarrbuni missirijietkom, ippruvawni, għalkemm kienu raw għemili*" (Sal 95,7-9). Huwa l-istess post tal-laqgħa ma' Alla - "*Għalhekk, ara, Jien sa nħajjarha u neħodha fil-barr, u nkellimha għal qalbha*" (Ħos 2,16). "*Jien rajtek (għaraftek) fil-barr, f'art niexfa u ħarra*" (Ħos 13,5).

Fid-deżert, fil-faqar ta' qalbi, mingħajr aljenazzjonijiet. Wiċċ imb'wiċċ mal-verità tiegħi nnifsi – il-post tax-xitan u l-intimità ma' Alla. Hija faċli t-tentazzjoni li naħrab mid-deżert, mit-tentazzjonijiet billi nikkonvinċi ruħi mit-tjubija personali, nitħabat biex ma naqax fi kriżi, kulma nara madwari kollu ħażin, biex ma nħarisx lejn il-konfużjoni li hemm fija.

2. "*Għalhekk ix-xitan qallu: Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż. U Ġesù wieġbu: Hemm miktub li 'il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix*" (Lq 4,3-4).

Il-ġuħ huwa bżonn naturali, fiżjoloġiku. Ġesù jissottometti dan il-bżonn għall-valur tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. "*Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih. Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin: Jaqaw ġie xi ħadd u ġieblu x'jiekol? Qalilhom Ġesù: L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal*

*fit-tmiem l-opra tiegħu.*" (Ġw 4,33-34). Bżonnijiet naturali oħra huma l-mistrieħ, l-irqad, id-divertiment, it-tfajla/il-ġuvni - l-attività sesswali, l-iżvog tar-rabja u ta' l-aggressività, eċċ. Il-faqar.

3. "*Imbagħad ħadu fil-għoli u wrieh is-saltniet kollha tad-dinja f'ħin wieħed; u qallu x-xitan: "Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja (doxa) tagħhom ukoll, għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxtehet quddiemi tadurani, kollha tiegħek tkun." Ġesù wieġbu u qallu: Hemm miktub, Lill-Mulej, Alla tiegħek, tadura u lilu biss taqdi'*" (Lq 4,5-8).

Li jkolli s-setgħa, li niddomina fuq l-oħrajn, li tgħaddi tiegħi, huwa bżonn psikoloġiku-soċjali tal-bnedmin. Bżonnijiet oħra ta' dan it-tip huma d-dipendenza affettiva, l-affermazzjoni tiegħi nnifsi, ... Jista' jiġri li dawn isiru l-allat tiegħi. Ix-xitan jidentifika ruħu mas-setgħa fuq is-saltniet. "*U meta jdaħħlek il-Mulej, Alla tiegħek, fl-art li ħalef lil missirijietek, lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb li jagħtiha lilek; bliet kbar u sbieħ li ma bnejthomx int; djar mimlija b'kull ġid li ma ħżintux int; bjar imħaffrin li ma ħaffirthomx int; dwieli u żebbuġ li ma ħawwilthomx int; u tiekol u tixba'; ara li ma tinsiex il-Mulej, li ħarġek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-Jasar. Il-Mulej, Alla tiegħek, tibża' minnu u lilu taqdi u b'ismu taħlef. La tmorrux wara allat oħra, wara l-ebda wieħed mill-allat tal-ġnus ta' madwarkom, għax Alla għajjur, il-Mulej, Alla tiegħek, f'nofsok; li ma jixgħelx għadab il-Mulej, Alla tiegħek, għalik, u jeqirdek minn fuq wiċċ l-art.*" (Dew 6,10-15).

4. "*Imbagħad ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-Tempju, u qallu: Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub li lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa, u li fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla. Wieġeb Ġesù u qallu: Jingħad, Iġġarrabx lill-Mulej, Alla tiegħek.*" (Lq 4,9-12)

It-Tentazzjoni ta' messjaniżmu mibni fuq il-mirakoliżmu, jew l-ispettakolarità. Hija fundamentalment mibnija fuq il-bżonn psiko-soċjali tal-esibizzjoniżmu. Dan il-bżonn iwassalni biex immidd saqajja barra mill-friex, jew minn naħa l-oħra għall-inibizzjoni li tiġi mill-illużjoni li "jien għandi nkun perfett". Ġesù "*b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemmm*" (Lq 9,52) biex "*ikun mogħti f'idejn il-bnedmin*" (Lq 9,44).

5. Ġesù hu t-tieni Adam li jirbaħ it-tentazzjonijiet tad-deżert, bil-maqlub tal-ewwel Adam. "*Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem wkoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1Kor 14,22).

6. Ġesù jirbaħ bil-qawwa tal-kelma ta' Alla: "*Il-kelma qiegħda ħdejk, f'fommok u f'qalbek, jiġifieri, il-kelma tal-fidi li aħna nxandru. Jekk inti tistqarr b'fommok, Ġesù hu l-Mulej, u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva.*" (Rum 10,8-9).

## 2. It-tieni Ħadd tar-Randan

**"Huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet..." (Lq 9,29)**

1. *"Daqs tmint ijiem wara..."* (9,28):

Bħas-Sinottiċi l-oħra, Luqa jpoġġi l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni wara l-Istqarrija ta' Pietru (9,18-20), wara l-ewwel tħabbira tal-passjoni u t-tagħlim dwar il-mixi wara Ġesù (9,21-27). Pietru għandu sehem importanti fit-tliet xeni - f'Ċesarija ta' Filippu huwa *"mbierek... għax mhux il-laħam u d-demm għarrfuh"* min hu Ġesù, *"imma l-Missier li hu fis-smewwiet"* (Mt 16,17); huwa misħut u meqjus bħala *"Xitan! u tfixkil, għax ma jifhimx il-ħwejjeġ ta' Alla, imma jqisha ta' bniedem li hu"* (Mk 8,32); fuq il-muntanja, jagħmel esperjenza mistika tad-*"dehra"* ta' Ġesù mibdul u tas-smigħ tal-*"kelma"* ta' Alla. L-instabilità tagħna tqarribna ħafna lejn il-figura ta' Pietru. *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja"* (8,34) Għal Pietru, l-Iben ta' Alla l-Ħaj huwa l-Iben ta' Alla qawwi, setgħan, invinċibbli, insuperabbli, u għalhekk ma jistgħax isofri jew jiġi maqtul.

2. *"u tala' fuq muntanja biex jitlob..."* (9,28):

'Il bogħod mill-għagħa tal-belt u tal-ħajja ta' kuljum *"jixxabbtu"* ma' mogħdijiet wieqfa biex isibu lil Alla. Abraham, fuq il-muntanja Morija, ħieles minn kollox - anke minn ibnu, jiltaqa' ma' Alla u jsir missier dawk kollha li jafdaw (Ġen 22,15-18). Mosè, *"meta niżel minn fuq il-muntanja tas-Sinaj biż-żewġ twavel tax-xhieda f'idu, ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi billi kien qorob lejh Alla"* (Eż 34,29). Elija, waħdu u għajjien, hu u jaħrab il-qilla ta' Ġeżabel, jitla' fuq il-muntanja Ħoreb fejn jiltaqa' mal-Mulej *"fiż-żiffa ħelwa. Elija, kif ħassha, għatta wiċċu bil-mantell..."* (1Sla 19,13). L-esperjenza tal-muntanja tikkonsisti fil-libertà, fil-laqgħa ma' Alla u fil-kwiet tal-qalb.

3. *"huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex."* (9,29):

(Metamorfosi) Raw is-sebħ tiegħu. *"Wiċċu (li) sar jiddi bħax-xemx"*, huwa l-istess *"wiċċu li qarras"* meta *"b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm"* (Lq 19,51). *"Ilbiesu (li) sar abjad bħad-dawl"* huwa l-istess *"ilbies tiegħu li qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom…"* (Ġw 19,23) It-trasfigurazzjoni mhix *"mument ieħor"*, *"ħaġa oħra, differenti"*, *"tiġi wara"*, iżda hija n-naħa l-oħra ta' kull sitwazzjoni umana. *"It-Tabor hija n-naħa l-oħra tal-Kalvarju, it-trasfigurazzjoni hija n-naħa l-oħra tal-passjoni u l-mewt"*. Pilatu jġib l-ikkundannat *"u qiegħdu fuq sedja għolja, fil-post imsejjaħ Litòstrotos, bil-Lhudi Gabbatà"* (Ġw 19,13). L-imsallab hu r-re li meta temm il-missjoni tiegħu iddikjara: *"kollox mitmum - Τετελεσται (Tetèlestai)"* (Ġw 19,30).

4. *"U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija."* (9,30):

Huma żewġ personaġġi importanti li jirrappreżentaw iż-żewġ elementi prinċipali tal-Ġudajizmu – il-liġi u l-profeti. Mosè u Elija, it-Toràh u l-profeti, huma Alla li fl-

istorja jakkumpanja lill-poplu tiegħu. Fl-aħħar kapitlu tal-Vanġelu ta' Luqa, Ġesù juri lid-dixxipli ta' Għemmaws dak li l-Iskrittura qalet dwaru, "*ibda minn Mosè u l-profeti*" (24,27). Fuqhiex kienu jitħaddtu? Luqa jsemmi li kienu "*jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm*" (9,31).

5. It-"*tinda*" hija l-post fejn Alla jinżel biex joqgħod mal-bnedmin (Ez 40,34-35). Pietru jissuġġerixxi li jsiru "*tliet tined* ", waħda għal kull wieħed minnhom. Pietru jinfixel, u jqis lil Ġesù bħala "*wieħed fost il-mibgħutin l-oħra ta' Alla*". Fil-kuntatt ma' dawn in-nies ta' Alla, Pietru jagħmel l-esperjenza tal-hena – "*Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn…*" (9,33).

6. "*Sħaba għattiethom… Dan hu ibni l-maħtur, isimgħu lilu*" (9,34.35):

Is-sħaba hija l-preżenza, il-glorja ta' Alla. "*Imbagħad is-sħaba ksiet it-tinda tal-laqgħa; u l-glorja tal-Mulej imliet it-Tabernaklu. Mosè ma setgħax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba, u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-Tabernaklu*" (Eż 40,34-35). ). "*Tidħol fi sħaba*" jfisser li tidħol f'relazzjoni intima ma' Alla; relazzjoni aktarx mgeżwra fil-misteru, relazzjoni ta' aridità, il-lejl tar-ruħ, il-lejl mudlam li fih "*għattiethom*" huwa l-istess verb użat fit-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija, "*il-qawwa ta' l-għoli tgħattik*" (Lq 1,35).

7. Il-lehen mis-sħaba jikkoreġi l-idea ta' Pietru u jiddikjara lil Ġesù bħala l-"*Leħen il-maħtur*", minn fost l-ilħna l-oħra. Ġesù waħdu, l-Iben il-għażiż, jikxef min hu verament il-Missier. Huwa t-tinda u s-sebħ – "*Il-Kelma saret laħam u għamlet it-tinda tagħha fostna u aħna rajna s-sebħ tagħha, is-sebħ li għandha mill-Missier bħala ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità*" (Ġw 1,14). Huwa l-milja tal-liġi u l-profeti – "*Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-perfezzjoni*" (Mt 5,17). l-ewwel għajnejhom tqal jitġabtu biex jegħlbu n-ngħas, bħallikieku ma jistennew xejn ġdid… imbagħad reazzjoni ta' entużjażmu. Pietru jippretendi, jixtieq li jwaqqaf iż-żmien - jirrendi permanenti dak li hu tranżitorju. Il-misteru ta' Alla, kif jidher fl-istorja, huwa kkaratterizzat minn żminijiet tranżitorji.

## 3. It-Tielet Ħadd tar-Randan

### "Inti ħalliha għal din is-sena…" (Lq 13,8)

1. *"Dak il-ħin stess ġew xi wħud u qalulu b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom"* (Lq 13,1):

- Hija ġrajja storika li ġrat fi żmien il-Għid: Jew xi Galilej żeloti ribelli, kuntrarji għar-Rumani ġew maqtula huma u telgħin l-għolja tat-Tempju; jew Galilej żeloti maqtula waqt li kienu qed jagħmlu s-sagrifiċċju minħabba li fil-ġranet tal-Għid anke l-lajċi kienu jistgħu jagħmlu l-offerta tagħhom.
- L-għemil ta' Pilatu huwa sagrilegu, b'mod speċjali jekk ġara fuq l-artal tat-tempju.
- Dawk li nfurmaw lil Ġesù b'dan, xtaqu li hu wkoll jeħodha kontra Pilatu għal li għamel – joqtol il-Galilej, u hekk jixluh lill-awtorità. Setgħet kienet problema teoloġika – din id-diżgrazzja kienet kastig għal dnubiethom? Kif jista' jkun li Alla jippermetti li dawn jiġu maqtula proprju waqt li qegħdin joffru s-sagrifiċċju?

2. *"U Ġesù qabad u qalilhom: Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu?"*

- Fir-risposta tiegħu Ġesù juri li l-mewt ta' dawk il-Galilej ma kienitx kastig ta' Alla. Il-konsegwenzi tal-ħażen ma jaqgħux fuq min iwettqu iżda fuq min jirċevih. Il-ġust igorr fuqu l-inġustizzja tal-ħażin.
- Jisposta l-attenzjoni minn fuq il-Galilej u Pilatu għal fuq in-nies li kellu quddiemu: hemm bżonn li jifhmu l-importanza taż-żmien li qegħdin fih u jikkonvertu. Huwa meħtieġ li dawk li qegħdin jisimgħuh jilqgħu r-rigal tal-maħfra ta' Alla mwettqa fil-predikazzjoni ta' Ġesù. Ġesù jistieden lil kull min qed jisimgħu biex jidentifika ruħu mal-ħalliel li kien mislub miegħu. *"Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kull ma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin. Mbagħad qal: Ġesù ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek. U Ġesù wieġbu: Tassew ngħidlek, illum tkun fil-ġenna miegħi."* (Lq 23,40-43).
- Dawk li kienu jisimgħuh stennew li ser jikkundanna lil Pilatu u jiddefendi lill-Galilej. Imma Ġesù ma ġiex biex jikkundanna lill-persuni iżda ġie biex jikkundanna l-ħażen. Dawk il-Galilej għandhom l-istess ħtija ta' Pilatu – imma kienu aktar dgħajfa minn Pilatu u tilfu. Ġesù ineħħi l-maskra u jikxef il-ħażen li hemm fil-qalb ta' kull bniedem.

3. *"Le ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom."* (Lq 13,3):

- Il-ħażen ta' Pilatu huwa l-ħażen tal-Galilej, huwa l-ħażen ta' dawk li qegħdin jisimgħu, huwa l-ħażen tagħna. Aħna naraw fl-oħrajn il-ħażen li hemm fina. Il-ħażen li hemm fl-oħrajn irid iservi bħala sejħa għalina għall-konverżjoni – mhux biex nikkundannawhom.

- Spiss jiġri li naraw il-ħażen fl-oħrajn biex ma narawx tagħna; jew narawh fl-oħrajn biex tagħna jidher inqas.

4. *"Ilkoll tintilfu bħalhom"*:

- mhux fis-sens li ser ikollna xi kastig jew li ser immutu; iżda jekk ma nindmux diġà aħna kkastigati, mejtin, mitlufin. It-telfien huwa frott tad-diżubbidjenza għall-kelma ta' Ġesù.

5. "*Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwam u qatilhom...*" (Lq 13,4):

- Waqt li qabel kellna traġedja li kienet tiddependi mil-libertà tal-bniedem issa għandna traġedja li ma għandha l-ebda awtur uman.
- Il-menqgħa ta' Silwam kienet il-post fejn Ġesù għamel il-miraklu ta' l-għama fi Ġw 9. Silwam kien jiġi taħt il-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm. Hemm kien jispiċċa l-akwedott li kien iġib l-ilma mi-naħa ta' fuq ta' Iżrael lejn il-belt ta' Ġerusalemm. Il-ġrajja tirreferi għal waqgħa ta' torri li kien jagħmel parti mid-diversi torrijiet li jżommu l-akwedott.

6. "*Taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalemm? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda*" (Lq 13,4-5):

- Faċli naħsbu li diżgrazzja naturali hija kastig ta' Alla. "*U d-dixxipli tiegħu staqsewh: Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu? Ġesù wieġeb: Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih.*" (Ġw 9,2-3). Veru li aħna lkoll midinbin imma Ġesù huwa ċar – ma nistgħux nifhmu dawn id-diżgrazzji bħala kastig, imma bħala sejħa għall-konverżjoni.
- Issa, issa hu l-mument tal-konverżjoni, tal-bidla tal-qalb. Tagħraf is-sinjali taż-żminijiet ifisser jirnexxilek taqra f'kull fatt, f'kull ġrajja, sejħa għall-konverżjoni. "*Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fl-Evanġelju.*" (Mk 1,14).

7. "*Wieħed kellu siġra tat-tin... Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx. Għalhekk qal lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa,... Mela aqlagħha, għax għalfejn se tibqa' tkidd l-art?*" (Lq 13,6-7):

- Tfakkarna fil-ġrajja tat-tina l-misħuta: "*L-għada, kif ħarġu minn Betanja, ħadu l-ġuħ. Mill-bogħod lemaħ siġra tat-tin kollha weraq, u mar jara jsibx xi ħaġa fiha. Imma, kif resaq ħdejha, ma sabilha xejn ħlief weraq, għax it-tin kien għadu m'huwiex żmienu. U qalilha: Qatt iżjed ma jkun hawn min jiekol frott minnek għal li ġej!.*" (Mk 11,12-14). Hemm komuni l-fatt li t-tina hija bla frott u r-riferiment għal Iżrael.
- "*Il-mannara diġà qiegħda ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar.*" (Lq 3,9).

8. “*Iżda dak qallu: Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel. Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha*” (Lq 13,8-9):

- Iżrael huwa mbiegħed minn Alla. Alla joffrilu sena oħra ta’ Grazzja, joffrilu r-rikonċiljazzjoni fil-persuna ta’ Ġesù. U hekk jerġa’ jibda jagħmel il-frott. “*Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa’ fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*” (Ġw 15,1-5).
- “*L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, nrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nniedi sena tal-grazzja tal-Mulej.*” (Lq 4,18-19).

9. Is-“*sena*” ta’ grazzja hija l-istorja tal-ħajja tagħna li ttul dejjem bit-tama tal-frott tas-sena d-dieħla. Hija l-fiduċja ta’ Alla fina; it-tama tiegħu fina. Illum hija l-knisja li tkompli din il-missjoni tiegħu ta’ Sammaritan “*Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f’ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta’ Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja.*” (Kol 1,24).

## 4. IR-RABA ĦADD TAR-RANDAN

### *"Kien meħtieġ li nagħmlu festa"* (Lq 15,32)

Ġesù jgħid din il-parabbola **għal dawk li jħossu li huma ġusti**
(Lq 15,1-2) *"Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom! U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola…"*
(Lq 5,30-32) *"Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin? U Ġesù weġibhom: Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti gejnt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."*

1. *"…iż-żgħir sarr kollox u telaq…"* (Lq 15,13)

Id-dnub, qabel m'hu għemil ħażin, huwa **qalb żbaljata**: Iz-żgħir ma jħossux iben; jitlef l-identità tiegħu; u billi ma jafx min hu jippretendi aktar minn dak li jmissu.
(Lq 15,12) *"Agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid"*.
(Ġen 3,5-6) *"Imma Alla jaf li dak in-nhar li tieklu minnu jinfethu għajnejkom u ssiru bħal allat, li jafu t-tajjeb u l-ħażin." U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet."*

Meta l-qalb hi mbiegħda mill-missier u mid-dar tiegħu tinħoloq **diżordni** anke fuq il-livell tal-ħajja ordinarja ta' kuljum.
(Lq 15,13-14) *"…u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kull ma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn."*

Aktar ma jitbiegħed mid-dar tal-Missier aktar jinżel fil-ħama.
(Lq 15,15-16) *"U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih."*

Jinduna li wasal sal-qiegħ u **jammetti miegħu nnifsu li jinsab fil-bżonn**.
(Lq 15,17) *"Mbagħad daħal fih innifsu u qal, kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ!"*
Ma jafux lil missieru, u jħejji **l-iskuża**, il-ġustifikazzjoni biex jiġi milqugħ.
(Lq 15,18) *"Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek."*

2. *"Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu."* (Lq 15,20)

Xena li tirrivela **l-qalb tal-Missier**.
(Lq 10,33) *"Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, **rah u tħassru**."*

(Lq 15,4) "*Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex* ***imur wara l-mitlufa sa ma jsibha****?*"
(Ġen 37,3) "*Izrael kien iħobb 'il Ġużeppi aktar minn ħutu kollha, għax kien twelidlu fi xjuħitu; u għamillu* ***libsa*** *twila bil-kmiem.*"
(Ġen 41,42) "*U l-Fargħun qala'* ***s-siġill*** *minn idu, u qiegħdu f'id Ġużeppi, u* ***libbsu lbies ta' l-għażel fin****, u qegħedlu madwar għonqu kullana tad-deheb.*"
(Lq 12,19; 16,19) "*Mbagħad ngħid lili nnifsi: Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob,* ***ixxala****!*"
"*Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li jagħmel* ***ikla mill-aħjar****.*"
(Goż 5,11-12) "*U sewwasew l-għada ta' l-Għid, huma kielu mill-frott ta' l-art: ħobż ażżmu u qamħ inkaljat. Minn dak in-nhar, wara li kielu mill-frott ta' l-art, il-manna waqfet.*"

L-Iben iż-**żgħir jinduna li hu iben meta jħossu aċċettat u maħfur mill-Missier**.
(2Kor 5,17) "*Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid*".

3. "*...ili dawn is-snin kollha naqdik...*"

It-tifel il-kbir, kien "*qaddej fidil*", jobdi kull ordni ta' missieru. Kellu l-istess problema tat-tifel iż-żgħir - **iħossu qaddej u mhux iben**; ma jafx li kulma hu ta' missieru hu tiegħu; tifel perfett iżda mhux iben; jekk ma jafx ikun iben lanqas jaf ikun hu t-tifel iż-żgħir.
(Lq 18,11) "*Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu, O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal.*"

## 5. Il-Ħames Ħadd tar-Randan

*"anqas jien ma nikkundannak"* (Ġw 8,11)

Ħafna verżjonijiet antiki jħallu barra din is-silta mill-vanġelu ta' Ġwanni. Oħrajn iqisu din is-silta bħala parti mill-Vanġelu ta' Luqa. Imma Ambroġ, Ġilormu u Wistin iqisuha bħala parti mill-vanġelu ta' San Ġwann.

Din il-ġrajja turi l-atteġġjament ta' Ġesù lejn il-midinbin. Huwa ħabib tal-pubblikani u l-midinbin: "*Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu, Araw xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin*" (Lq 7,34).

1. "*Mbagħad il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju*" (Ġw 8,3):

Ġesù kien fit-tempju. Skond il-liġi din il-mara kellha tiġi maqtula. "*Il-bniedem li jiżni ma' mart għajru jagħtuhom il-mewt, liż-żieni u liż-żienja*" (Lv 20,10). Ma kienx hemm qbil dwar kif issir l-eżekuzzjoni jekk hux bit-tħaġġir jew billi jiġu fgati. Il-fariżej u l-kittieba kienu nies iddedikati għall-istudju tal-liġi.

2. "*Huma qiegħduha fin-nofs*" (Ġw 8,3):

Hija s-sitwazzjoni interjuri ta' kull wieħed minna quddiem id-dnub. Id-dnub isir il-protagonista, bl-akkużaturi fuq naħa u Ġesù fuq oħra. Fina wkoll jista' jkun hemm il-kittieba u l-fariżej li jakkużawna, u li jridu jħaġġruna. Il-laqgħa tagħna miegħu biss tista' ssalvana u timliena bil-gratitudni lejn l-imħabba tiegħu.

3. "*Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma xi tgħid?*" (Ġw 8,5):

It-tħaġġir hija forma ta' qtil kollettiv u fl-istess ħin ħadd ma jħossu verament responsabbli. Jitlob li kulħadd ikun jaqbel u kulħadd ikollu rabja lejn l-ikkundannat. L-ikkundannat jiġi identifikat mal-ħażen u l-folla tmur bl-idea li jekk teħles mill-ikkundannat teħles ukoll mill-ħażen. Ilkoll iħossuhom magħquda, fil-paċi magħhom infushom u meħlusa mill-ħażen u issa jistgħu ikomplu miexja – *black sheep*. Hekk il-folla tħossha kkonfermata fl-innoċenza tagħha għax il-ħażin ġie identifikat barra mill-grupp u ġie meqrud.

4. "*Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh.*" (Ġw 8,6):

Jekk Ġesù jaċċetta l-verdett tal-kittieba u l-fariżej imur kontra r-Rumani li kellhom f'idejhom il-piena kapitali; jekk ma jaċċettahx ikun qiegħed impliċitament jaċċetta it-tmexxija tar-Rumani u hekk imur kontra l-poplu Lhudi u l-istennijiet tiegħu. Fl-ewwel każ kien ikun ħati ta' tixwix; fit-tieni każ ma kienx ikun il-Messija ħellies ta' artu. Il-ġebel tal-Kittieba u l-fariżej kien lest għal Ġesù aktar milli għall-adultera. "*Għalhekk il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu; imma Ġesù nħbielhom u ħareġ mit-tempju.*" (Ġw 9,59).

5. *“Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b’sebgħu fit-trab”* (Ġw 8,6):

Ġesù ma jirrispondix għall-aggressività b’aggressività. Diversi interpretazzjonijiet: *“Dawk li jitbiegħdu minnu fit-trab jinkitbu, għax telqu l-Mulej, l-għajn ta’ l-ilma ġieri.”* (Ġer 17,13). Ambroġ, Wistin u Ġilormu jqisuh bħala sinjal profetiku. Skond l-użu Ruman, kiteb is-sentenza qabel ma stqarrha bil-kliem. Kien mod ta’ kif jurihom li dak li kienu qegħdin jgħidu u jagħmlu, għalih ma kellux importanza.

Li tikteb kienet marbuta ħaġa waħda mal-liġi ta’Alla, liġi li ġiet mogħtija mhux għall-mewt iżda għall-ħajja. Minħabba d-dnub, faċli li l-bniedem iqis il-liġi bħala kundanna. Ġesù huwa s-saba’ ta’ Alla li jikteb il-liġi li ssalva, il-grazzja, il-maħfra. *“Intom l-ittra ta’ Kristu fdata f’idejna, miktuba mhux bil-linka, imma bl-ispirtu ta’ Alla l-ħaj; mhux fuq it-twavel tal-ġebel, iżda fuq it-twavel tal-laħam ta’ qalbkom.”* (2Kor 3,3).

6. *“Qam dritt u qalilhom: Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla”* (Ġw 8,7):

Ġesù jixbaħ lil Danjel li jeħles lil Susanna mill-kundanna (Dn 13,52), bid-differenza li Susanna ma kenitx midinba waqt li l-adultera dinbet u Ġesù ma jistax jipprova li hija innoċenti. Ġesù jġiegħel lill-kittieba u l-fariżej iħarsu lejhom infushom u b’onestà jaraw x’hemm f’qalbhom, imbagħad min hu nadif jitfa’ l-ewwel ġebla. L-ewwel ġebla għandu jitfagħha x-xhud innifsu (Dew 17,7). Hu jieħu r-responsabiltà li jibda t-tħaġġir. Imbagħad l-oħrajn ikomplu fuq ix-xhieda tiegħu. Ix-xhud li jerġa’ jibdielu, kien isir ħati ta’ tħaġġir. Ġesù jsejjah lil kulħadd għar-responsabiltà personali. Jistieden lil dawk li kienu jakkużaw biex iħarsu lejhom infushom u jaraw li ħaqqhom huma wkoll il-piena ta’ dik il-mara.

7. *“U raġa’ tbaxxa jikteb fit-trab”* (Ġw 8,8):

Ġesù juri li l-iskop ta’ moħħu mhux li jħaġġar lil xi ħadd, adultera, kittieba jew fariżej. Jixtieq biss li kull wieħed jinduna bis-serjetà bil-qalb tiegħu tal-ġebel biex ikun jista’ jirċievi b’rigal il-qalb tal-laħam mingħandu. Minħabba f’hekk Ġesù jsir il-mira tal-qlub tagħna tal-ġebel.

8. *“Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa’ waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs”* (Ġw 8,9):

*“Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta’ Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù”* (Rum 3,23). *“Xjuħ”*: “presbiteroi” msemmija hawn biss fir-raba’ vanġelu. Il-parti l-aktar potenti tas-sinedriju. Dawk li għandhom il-kapaċità li jiġġudikaw għax għandhom l-esperjenza. *“Il-miżerja spiċċat waħedha quddiem il-miżerikordja”* (S.Wistin). Hemm fina l-parti ta’ l-adultera u l-parti ta’ dawk li jridu jħaġġruha. Biex l-akkużaturi li hemm fina jiltaqgħu mal-Mulej, jeħtiġilhom jidentifikaw ruħhom ma’ l-adultera.

9. *“Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?”* (Ġw 8,10):

jgħajtilha “*mara*” kif għajjat lil Marija (2,4), lis-samaritana (4,21), lill-Madalena (20,15). Hija l-għarusa li issa qed tiltaqa’ ma’ l-għarus tagħha. “*Meta fil-bidu l-Mulej tkellem permezz ta’ Hosegħa, qallu: Mur, ħu b’martek mara żienja, ħa jkollok ulied iż-żina, għax l-art żniet billi twarrbu mill-Mulej*” (Ħos 1,2). “*U qalli l-Mulej: Erġa’ mur, u ħobb il-mara, maħbuba minn żewġha, li ħallietu biex tingħaqad ma’ rġiel oħra; l-istess kif il-Mulej iħobb ’l ulied Iżrael, għalkemm huma jduru lejn allat oħra.*” (Hos 3,1).

10. *“Ħadd Sinjur, qaltlu. Mela anqas jien ma nikkundannak.”*(Ġw 8,11):

Wieħed biss jista’ jikkundanna – il-ġust. Imma l-ġust flok li jikkundanna, jaħfer. Il-ġudizzju ta’ Alla qatt ma hu kundanna għall-midneb iżda huwa ħelsien mid-dnub. It-tentazzjoni tagħna hija li nikkundannaw lill-midneb u li niġġustifikaw id-dnub, għalmenu dak tagħna. Ġesù, l-uniku ġust, jaħfer lill-midneb u jieħu fuqu l-piż u l-kundanna tad-dnub.

11. *“Mur, u mil-lum ’il quddiem tidnibx iżjed”* (Ġw 8,11):

Spiss naħsbu li Alla jaħfrilna għax aħna nindmu minn ħtijietna. Imma aħna nistgħu nindmu għax Alla jaħfrilna dejjem u nagħmlu x’nagħmlu. Hu ma jdurx lejna wara li aħna nkunu dorna lejh jew għax aħna nkunu dorna lejh, iżda ħarstu dejjem imdawra lejna biex aħna nistgħu nduru lejh. Fil-fatt huwa hu li jiddispjaċih u jħoss it-tbatija tal-ħażen tagħna għax iħobbna.

*“Iva, bħal mara mitluqa u mdejqa f’qalbha sejjaħlek il-Mulej, bħal mara mitluqa f’żogħżitha, jgħid il-Mulej Alla tiegħek. Għal ftit jien tlaqtek imma bi mħabba bla qjies jien nerġa’ niġbrok. Fis-saħna tal-korla ħbejt wiċċi għal ftit minnek; bi mħabba ta dejjem inħenn għalik, jgħid il-Mulej, il-Feddej tiegħek. Dan għalija bħal fi żmien Noè, meta ħlift li l-ilma ma jerġax jgħarraq l-art. Hekk naħlef issa li ma nisħonx aktar għalik, u lanqas ma nċanfrek. Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżżiżx, jgħid il-Mulej li jħenn għalik.”* (Is 54,6-10).

## 3. Il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħdud tar-Randan – Sena Ċ

Kull ċiklu liturġiku – Sena A, B, u Ċ – jipproponi mixja li, għalkemm l-għan aħħari huwa dejjem l-istess – jiġifieri ċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid tal-Mulej Ġesù – , ir-rotta hija waħda li tvarja skond in-nisġa tal-Kelma t'Alla li nsibu matul il-ħamest'iħdud tar-Randan.

Is-Sena Ċ tipproponielna **MIXJA QAWWIJA TA' KONVERŻJONI / MIXJA PENITENZJALI.** Ix-xbieha hija dik tal-Missier li jistenna lil uliedu jerġgħu lura biex jagħtihom mill-ġdid il-ferħ u l-għożża tad-dinjità ta' wlied li kienu tilfu. Huwa Kristu li ser imexxina biex dan kollu jseħħ!

Imbagħad fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa, il-Kelma t'Alla tgħinna biex inneħħu kull nuqqas ta' verità li jista' jxellef il-mixja tar-Randan. Il-Randan isir għalhekk għajn ta' verità u ta' awtentiċità, verifika tal-ħajja nisranija personali u komunitarja.

1. **Il-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan**

**Il-Vangeli tas-Sena Ċ huma okkażjoni biex inwettqu katekeżi sagramentali fir-rigward tas-Sagrament tal-Penitenza. Hija l-Bxara t-Tajba li Alla hu kollu ħniena, li tqanqal u twassal għal vera konverżjoni.**

- **L-I Ħadd:** It-Tentazzjonijiet fid-Deżert (il-bieb/id-daħla għar-Randan (Lq 4, 1-13)
- **It-II Ħadd:** It-Trasfigurazzjoni (antiċipazzjoni ta' fejn irid iwassalna r-Randan – mibdulin fi Kristu permezz tas-salib (Lq 9, 28b-36)
- **It-III Ħadd:** Il-Ħtiega tal-Konverżjoni (Lq 13,1-9)
- **Ir-IV Ħadd:** Il-Parabbola tal-Iben il-Ħali (Lq 15, 1-3,11-32)
- **Il-V Ħadd:** Il-Maħfra tal-Mara Midinba (Ġw 8, 1-11)

2. **L-Ewwel Qari tal-Ħdud tar-Randan**

Fl-I Qari tal-Ħdud tar-Randan għandu r-ritmu propju tagħhom li mhux neċessarjament marbut mas-silta tal-Vangelu.

Huma rakkonti li jfakkru **l-mumenti l-aktar importanti fl-istorja tas-salvazzjoni u kif dawn huma mfakkra fil-kult u fil-liturgija Lhudija**: il-Kredu ta' Israel (I Ħadd), Patt ma' Abram u mal-familja tiegħu (II Ħadd), is-Sigra taqbad bla ma tinħaraq (III Ħadd), l-Għid tad-daħla fl-Art Imwegħda (IV Ħadd), u l-wegħda ta' Eżodu ġdid ta' rebħ (V Ħadd).

Dawn is-siltiet igħinuna biex jinħoloq kuntrast u ngħarfu t-twettiq sħiħ tal-fidwa tal-Bniedem. Fl-istess waqt, napprezzaw il-Misteru tal-Għid fil-kontinwità tiegħu imma fuq kollox fit-tiġdid radikali li l-Mulej Ġesù ġab fil-Misteru tal-Għid.

Pastoralment huma okkażjoni biex il-poplu Nisrani jagħraf minfejn beda l-mixja tiegħu, u jerga' lura lejn l-għeruq tal-Misteru tal-Għid. Matul ir-Randan mistednin nitwaħħdu mal-Għid tal-Mulej biex isir ukoll l-Għid tagħna.

**Hekk, fil-lejl qaddis tal-Għid inkunu nistgħu nistqarru l-fidi tagħna fil-qofol tas-Salvazzjoni li ntweriet f'dak li Hu ż-żerriegħa li taqa' fl-art biex tmut u tagħti l-frott.**

### 3. It-Tieni Qari tal-Ħdud tar-Randan

Dawn is-siltiet, b'differenza mill-I Qari, huma kollha marbutin direttament u b'mod kumplimentari mas-siltiet tal-Vangeli.

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| 1 | Stqarrija tal-fidi tal-poplu ta' Alla<br><br>Dew 26,4-10 | Stqarrija tal-fidi fi Kristu<br><br>Rum 10,8-13 | It-tiġrib fid-deżert<br><br>Lq 4,1-13 |
| 2 | Il-Patt ma' Abraham<br><br>Ġen 15,5-12.17-18 | Kristu għad ibiddilna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu<br><br>Fil 3,17-4,1 | It-Trasfigurazzjoni<br><br>Lq 9,28b-36 |
| 3 | Is-sejħa u l-missjoni ta' Mosè<br><br>Eż 3,1-8a.13-15 | Kristu l-blata spiritwali<br><br>1 Kor 10,1-6.10-12 | Sejħa urġenti għall-indiema<br><br>Lq 13,1-9 |
| 4 | Ċelebrazzjoni ta' l-Għid fl-Art Imwiegħda<br><br>Ġoż 5,9a.10-12 | Alla ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu<br><br>2 Kor 5,17-21 | Il-Missier u ż-żewġ ulied<br><br>Lq 15,1-3.11-32 |
| 5 | Nagħmel triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert<br><br>Is 43,16-21 | Minħabba Kristu lqajt li nitlef kollox<br><br>Fil 3,8-14 | L-Adultera: Mur, u la tidnibx iżjed<br><br>Ġw 8,1-11 |

# 4. TEMI GĦALL-OMELIJA TAL-ĦDUD TAR-RANDAN

## 1. L-Ewwel Ħadd

### a. Tema: FIDI PPRUVATA U MSOFFIJA

- **I Qari: (Dewt 26.4-10)**

Dan huwa l-kredu storiku tal-poplu Lhudi – stqarrija tal-**FIDI LHUDIJA**. F'kuntest ta' liturgija, ifakkar l-istorja kollha mħabba li Alla għamel miegħu. M'hemm xejn li huwa astratt! Liturgija li hija msejjsa mhux fuq ir-reliġjożità imma fuq l-istorja, li fiha kienu jaraw l-id setgħana t'Alla.
Meħuda mill-Ktieb tad-Dewteronomju, hija talba li l-Lhudi kien ilissen fil-mument tal-offerta tal-ewwel frott tal-art. Hekk irodd ħajr lil Alla għall-art li kien tah. Hija stqarrija ta' fidi fi storja ta' fedeltà, min-naħa t'Alla li tahom l-art bħala l-aħħar u l-akbar don minn sensiela ta' rigali li kienu rċevew.

- **II Qari: (Rum 10.8-13)**

Waqt li fl-I Qari smajna l-qalba tal-Fidi Lhudija, San Pawl fit-II Qari jwasslilna l-qalba tal-**FIDI NISRANIJA**. Kull min jistqarr li l-Msallab hu l-Mulej Imqajjem għall-ħajja, jidħol fis-salvazzjoni, don ta' Alla għal kull min jemmen. Issejjah l-isem ifisser tagħraf l-identità tal-persuna.
Il-Fidi Nisranija hija att ta' fidi li taċċetta bla kundizzjonijiet il-qawwa tal-qawmien u tas-salvazzjoni tiegħu. Mhumiex aktar meħtieġa l-merti mill-osservanza ta' għadd ta' preċetti imma li wieħed jemmen li l-Imsallab qam! Minn rajh jagħtina l-grazzja tiegħu!

- **Vangelu: (Lq 4.1-13)**

Il-Mixja tar-Randan tpoġġina quddiem il-prova/tentazzjoni/eżami li tant drabi b'tant biża' u tbatija rridu naffrontaw fil-mixja tal-ħajja. Dawn huma mumenti li jeħtieġ li jbiddluna u jitrasfigurawna fil-Poplu t'Alla, li jgawdi mis-sinjurija t'Alla, u mis-servizz lejh fil-fidi.

It-tentazzjoni hija Fidi ppruvata - aspett negattiv għax niltaqgħu mad-dgħjufija tagħna, imma wkoll aspett po\ittiv li jwassalna għal risposta ta' fidi aktar koerenti (ma nistgħux nikbru mingħajr il-prova/mingħajr ma naqbżu l-limiti tal-eżami).

Ħafna drabi t-tentazzjoni tbeżżgħana u tweġġagħna. Tant drabi ċedejna quddiemha u ftit huma d-drabi li bqajna fuq saqajna. Dan jumiljana u jpoġġina fi qtigħ ta' qalb għax inħossuna ħatja u telliefa quddiem il-ħajja li mistednin ngħixu, u quddiem il-fidi li mistednin nxandru u nagħtu kont tagħha. L-impenn li titlob minnu l-prova, ħafna drabi narawh kbir wisq u forsi impossibbli. Il-poplu ta' Israel kien kontinwament imsejjaħ li jikber bħala l-Poplu t'Alla biex ma jibqax magħluq f'fidi li twasslu għall-biża', għad-dubju, u għas-superstizzjoni, u hekk jinħoloq spazju għall-ħajja tad-dnub u tal-vizzju, li ġġib fix-xejn ir-rabta tiegħu m'Alla.

Ġesù huwa dak li jifdi l-bniedem minn dan kollu għax Hu nnifsu, qabel u flok il-bniedem għeleb dan kollu, bil-għajnuna tal-Iskrittura!

Satana jipprova lil Ġesù, l-Iben t'Alla, (jekk int Bin Alla…) bħallikieku għandu jkollu d-dritt li jkun salvat mill-mewt u minn kull periklu. Satana jipprova jwassal lil Ġesù biex iwettaq għażliet komdi kuntrarji għall-pjan t'Alla. Il-prova timmira r-rapport waħdieni li huwa kellu m'Alla bħala Missieru. Ġesù huwa l-Iben dehen u waħdieni, li jintelaq f'idejn il-Missier u jafdalu d-destin tiegħu. Alla nnifsu wiegħed l-għajnuna tiegħu għal min jafda fih. Meħtieġ biss li nintelqu f'idejh f'ubbidjenza bla kundizzjoni – l-ubbidjenza tal-fidi.

Ġesù huwa mudell tal-fidi – tar-rabta sħiħa u totali m'Alla, rabta ta' l-Iben il-Waħdieni, li b'fedeltà ħares u wettaq il-pjan ta' Alla Missier għall-ħolqien kollu u għall-bnedmin ta' kull żmien. Quddiem it-tentazzjoni Ġesù jitlob (Lq 22,42); jitlob il-maħfra (Lq 23,34); u dan jagħmlu b'vuċi għolja (Lq 23,46).

Quddiem l-ewwel tentazzjoni, Ġesù jirrifjuta li juża l-qawwa tiegħu biex isalva lilu nnifsu. Din it-tentazzjoni sseħħ mill-ġdid fil-mument tal-mewt tiegħu: (Salva lil oħrajn, ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur t'Alla. Lq 23, 35-37).

Quddiem it-tieni tentazzjoni, Ġesù jippreferi l-glorja li jagħtih Alla fi tmiem tal-mixja paskwali: (Minn issa'l quddiem Bin il-Bniedem ikun bilqiegħda n-naħa tal-lemin ta' Alla li jista' kollox. Lq 22,69).

Quddiem it-tielet tentazzjoni, Ġesù iżomm sħiħ fl-ubbidjenza tiegħu sakemm tilħaq il-quċċata fuq is-salib meta f'att suprem ta' ubbidjenza jerħi l-Ispirtu tiegħu f'idejn il-Missier (Missier f'idejk jine nerħi ruħi. Lq 23,46).

Hija fidi li ma tibżax mis-salib imma tagħżel it-triq tas-salib biex tasal għall-Ħajja!

Id-dubju fis-salib/fl-imħabba huwa dubju eżistenzjali li jakkumpanja l-bniedem f'kull żmien.

Is-salib jibqa' għal kulħadd il-ġrajja li tista' ġġib fix-xejn il-fidi! Jew agħar minn hekk inkunu bħax-xitan li nippruvaw imbegħdu s-salib minn Ġesù u noħolqu kristjaneżmu li ma jagħrafx lill-Imsallab bħala l-Mulej.

Ir-Rebħa ta' Ġesù quddiem it-tentazzjoni hija antiċipazzjoni tal-Għid, frott tal-ubbidjenza ta' Ġesù li kienet akbar mill-qilla tal-prova tas-salib. Satana ma seħħlux jinganna lil Ġesù fit-triq tiegħu li waslitu biex iħaddan is-salib! Ir-Randan huwa żmien ta' mixja ta' ħelsien li ssib il-milja tagħha fil-festa tal-Għid.

IL-FIDI HIJA T-TIFKIRA ĦAJJA TA' L-AĊĊETTAZZJONI TAL-INIZJATTIVA T'ALLA LEJN IL-BNIEDEM F'IBNU MSALLAB U MQAJJEM GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAR-RANDAN HIJA OKKAŻJONI BIEX INGEDDU DIN L-AĊĊETTAZZJONI MIN-NAĦA TAGĦNA U NĦALLUH ISALVANA BIS-SALIB TIEGĦU.

## b. Indikazzjonijiet Pastorali:

- Fil-familja jiġi rreċtat il-Kredu bħala att ta' fidi f'Alla u talba kontra t-tentazzjoni li noħolqu allat f'ħajjitna.
- Titpoġġa l-bibbja f'post prominenti fid-dar, b'xemgħa tixgħel quddiemha, b'sinjal li rridu nħallu l-Kelma t'Alla ddawwalna u tmexxina. It-talb tal-familja jista' jsir madwar il-Bibbja.

## 2. It-Tieni Ħadd tar-Randan

### a. Tema: FIDI FIS-SALIB LI JITTRASFIGURANA

- **I Qari: (Ġen 15, 5-12. 17-18)**

Il-fidi ta' Abram fil-wegħda ta' Alla kienet meqjusa lilu bħala ġustizzja. Anke f'dan il-Ħadd tkompli l-mixja matul il-mumenti l-aktar importanti tal-istorja tas-Salvazzjoni, u din ma tistax ma tinkludix fiha lil Abram, meqjus mil-Lhud, mill-Insara u mill-Musulmani missier ta' dawk kollha li jemmnu (Rm 4,16 – *missier tagħna lkoll*). Fit-Testment il-Ġdid hija l-fidi fi Kristu Mqajjem li ġġib fina s-salvazzjoni.

Din hija kitba mill-aktar qadima fi ħdan il-Pentatewku, imma li fiha nistgħu diġà nifhmu l-misteru tal-Mulej Imsallab. Minkejja li huwa bla tfal, Abram hu mimli fiduċja fil-Kelma li tah Alla – li nislu joktor daqs il-kwiekeb tas-sema. Kollox jitlaq mit-tifkira (*anamnesi*) ta' dak li Alla diġà wettaq ma' Abram għax ħarġu minn Ur tal-Qaxdin. Ir-ritmu huwa wieħed tradizzjonali li jfakkarna fl-Eżodu u anke fl-Eżilju tal-Babilonja – mudell li jidher ripetut matul l-istorja tal-poplu l-magħżul. Jindika dejjem il-ħelsien mill-jasar u d-dħul fl-art imwegħda, rigal mogħti b'xejn u milqugħ mingħajr ebda mertu, jedd jew dritt.

Il-fidi t'Abram kienet biżżejjed biex Alla jidħol f'patt miegħu u jwegħdu li jagħtih l-art. Ir-rit tal-patt huwa rit antik tal-popli tal-Orjent, li kienu għadhom ma jafux il-kitba u kellhom dan il-kuntratt biex ifissru l-kundanna li hemm tistenna lil min jikser il-patt. Kien ġurament ta' riskju għax kien jesprimi impenn u obbligu bla ebda ritorn – saħta fuq min kien jikser l-kelma tal-patt. Il-konsegwenza hija li wieħed jorbot ħajtu mal-kelma mogħtija, hekk li ssir akbar mill-istess valur ta' ħajtu.

F'dan il-każ, hu idejal tant għoli li Alla biss jidħol garanti u jgħaddi minn qalb il-bhejjem imbiċċra, għax jieħu fuqu r-responsabiltà kollha ta' dan il-patt. Dan ifakkarna fil-kelma qawwija ta' San Pawl: *Alla sar dnub għalina*. Għal Alla, il-bniedem huwa tant importanti/maħbub/stimat li huwa denn tal-passjoni tiegħu, u jitbiċċer fuq is-salib - Alla jieħu lill-bniedem b'serjetà kbira.

Abram emmen f' dan il-patt li kien tah Alla u jafda l-ħajja tiegħu f'idejn dak Alla li għalih kelmtu tiġi qabel kollox. Abram li jkeċċi t-tjur huwa interpretat bħala dak li jimpenja ruħu li jwarrab kull ma jista' iġib fix-xejn jew ifixkel il-patt, jew aħjar dak li jwassal lill-bniedem biex jiddubita mill-impenn u l-kelma li Alla kien ta. Hekk Abram hu mudell tal-bniedem ġust.

Dan ifisser li l-fidi ssir denja tat-tbatija, tant li għall-bniedem tal-fidi, it-tbatija ssir sinjal ta' salvazzjoni. Dan kollu hu indirizzat lejn is-salib fejn b'mod għal kollox mhux mistenni u mifhum, Alla jimpenja ruħu u jagħti lil Ibnu b'salvazzjoni għal kulħadd.

Temmen ifisser li torbot ħajtek, qalbek u dak kollu li int mal-Kelma t'Alla hekk li xortik issir il-Kelma – li tkun lest li tissagrifika kollox, kull prestiġju u kull ambizzjoni, u tiċċaħħad minn kollox. Iż-żmien tar-Randan hu żmien ta' formazzjoni f'dan ir-rigward u l-Għid isir iċ-ċelebrazzjoni li tikkonfermalna din il-fidi.

- <u>Il Qari: </u>**(Fil 3.17-4.1)**

San Pawl isib il-kuraġġ biex jipproponi lilu nnifsu bħala mudell għall-knisja ta' Filippi. Jikteb din l-ittra lill-komunità Nisranija li huwa waqqaf f' din il-belt, fil-Greċja tal-lum, waqt li huwa kien il-ħabs marbut fil-ktajjen fil-belt ta' Ruma, jistenna l-kundanna tiegħu. Dan jagħmlu taħt sura ta' eżortazzjoni biex ikollhom t-tama msejjsa mhux f'art bħal t'issa jew f'xi razza kbira bħal fil-każ ta' Abram, imma f'Alla nnifsu, meqjus bħala l-Art Imwegħda u waħdanija ta' kull min jemmen. Din għad twassal għat-tmiem kull xewqa li hemm moħbija fil-qalb tagħna. Dawk li jġibu ruħhom b'mod differenti huma meqjusa minn Pawlu għedewwa tas-salib ta' Kristu għax iqisu biss is-salib bħala triq li ma twassal għal imkien.
Il-kontemplazzjoni antiċipata tal-glorja tas-salib mhux teħlisna mill-iskandlu tas-salib, imma tmantnina fit-tama li hemm ħajja eterna wara l-mument tal-għotja fis-salib. Is-salib huwa glorjuż u s-sema huwa miftuħ għalina, hekk li aħna pajżani tas-sema pajjiżna. Dan Pawlu diġà stqarru f' Fil 3,7-8: ***Imma dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu.***
Dan għaliex il-Mulej Ġesù huwa dak li għandu s-setgħa li jġib kollox taħtu, permezz tar-rebħa tiegħu fuq il-mewt.

- <u>Vanġelu: </u>**(Lq 9.28b-36)**

Il-misteru tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù jurina d-destinazzjoni tal-mixja tar-Randan bil-kontemplazzjoni tax-xbieha ta' Ġesù mgħolli fil-glorja, tħabbira tal-qawmien tiegħu mill-mewt. Dan sejjer iseħħ tassew jekk ngħixu b'serjetà l-mixja tar-Randan, tant li l-Qawmien ta' Kristu jsir il-qawmien tagħna u t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu ssir it-trasfigurazzjoni tagħna. Imbagħad inkunu nistgħu tassew niċċelebraw dan kollu b'mod sagramentali fil-lejl qaddis tal-Għid.

It-tradizzjoni Sinottika tagħti importanza kbira lil dan il-mument tal-ħajja ta' Ġesù: fil-fatt Marku jagħti spazju ta' 7 versi, Mattew 8 versi u Luqa 9 versi. Minkejja li huma rakkonti li joqorbu ħafna lejn xulxin anke fl-istess dettalji li jagħtuna, però kull evangelista għandu l-interess partikolari tiegħu. Per eżempju, Luqa huwa l-uniku evanġelista li jpoġġi l-mument tat-Trasfigurazzjoni f'kuntest ta' talb.

Ġesù flimkien mat-tliet appostli jitwarrbu fuq għolja u jagħtihom dehra antiċipata tat-tmiem tal-grajja tiegħu – grajja li mhix sejra tintemm fil-mewt li qegħda tistennieh u li diġà tahom ħjiel tagħha, imma fil-glorja li għad tbiddel is-sura tiegħu ta' bniedem. Il-qofol tat-tifsira ta' dan il-mument jagħtih il-Missier li jfisser l-identità ta' Ġesù: ***Dan hu Ibni l-Maħtur: isimgħu lilu***. Din tkompli dak li diġà qal Ġesù nnifsu ftit qabel ir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni fl-ewwel tħabbira tal-mewt u l-qawmien tiegħu: Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja (Lq 9,23).

Dan il-kmand tal-Missier biex nagħtu widen lil Ibnu għandu l-iskop biex quddiem il-prova għall-fidi, u ċ-ċaħda li s-salib jitlob, id-dixxiplu jkollu kuraġġ iżomm f'din it-triq li trid twasslu għall-qawmien. Fl-istennija u t-tama li jasal dan il-mument, waqt li għadna pellegrini nistgħu nakkwistaw dan il-kuraġġ bit-talb. Ma nistgħux nikkontemplaw il-wiċċ komplet ta' Ġesù mingħajr ħin mogħti għat-talb; lanqas

nistgħu nibqgħu fuq saqajna fit-triq tas-salib mingħajr l-għajnuna t'Alla li taslilna fil-perseveranza tat-talb.

Dak li seħħ fi Kristu, ir-ras tal-ġisem għad iseħħ fil-ġisem kollu li hu l-Knisja.

**b. <u>Indikazzjonijiet Pastorali</u>:**

- Issir żjara intima u ftit fit-tul lil Ġesù Ewkaristija, biex wieħed joħloq l-ambjent tal-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni.
- Fit-Talb tingħata aktar attenzjoni lis-Salib. Tista' tingħad it-Talba "Lil Ġesù Imsallab"

## 3. It-Tielet Ħadd

### a. Tema: FIDI FIS-SABAR T'ALLA

- **I Qari: (Eż 3.1-8a,13-15)**

Ix-xena tas-siġra taqbad bla ma tinqered hija mill-aktar importanti fl-istorja tas-salvazzjoni għax timmarka mhux biss l-għoti tal-missjoni lil Mosè imma wkoll (frott tal-aħħar redazzjoni tal-Pentatewku fi żmien Esdra) r-rivelazzjoni tal-isem t'Alla. Is-silta tal-lum tinsisti fuq din ir-rivelazzjoni aktar milli fuq il-missjoni afdata lil Mosè (fil-fatt fis-silta jitħallew barra il-versi 8-12). Fid-dinja semitika li wieħed ikun jaf l-isem ifisser li wasal għall-għarfien sħiħ tar-realtà.

F'din is-silta, l-isem t'Alla hu espress bil-forma kawżattiva tal-verb *essere*. Ma jindikax l-essenza t'Alla imma jindika l-opra u l-ħidma tiegħu. Jindika għalhekk proġett ċert u żgur, favur il-poplu tiegħu, u dan ikun biżżejjed għal Mosè biex jaċċetta u jidħol għall-missjoni fdata lilu. Dan l-isem mogħti jindika l-għemejjel t'Alla, bħallikieku jagħmel ġurament fuqu nnifsu għax Huwa dak li jafferma lilu nnifsu f'dak li jwettaq.

Fir-redazzjoni finali tiegħu, il-Ktieb tal-Eżodu jorbot flimkien ir-rivelazzjoni tal-isem mar-rivelazzjoni tal-ħelsien ta' Iżrael. L-isem huwa tassew grazzja/don mogħti minn Alla li sejjer jimpenja ruħu favur Iżrael. Taħt it-tmexxija ta' Mosè, il-poplu jgħix l-Eżodu, jaqsam id-Deżert u jidħol fl-Art Imwegħda.

- **II Qari: (1 Kor 10.1-6,10-12)**

Pawlu jipproponi riflessjoni fuq il-ġrajja tal-Eżodu. Dawk li ħarġu mill-Eġittu ma daħlux fl-Art Imwegħda għax webbsu qalbhom. Minkejja li ġew meħlusa, gemgmu kontra Mosè u ħaduha kontra tiegħu. Ittradew il-fiduċja li Alla kien wriehom u waqgħu mill-ġdid fil-jasar tas-suppervja tagħhom. Il-grazzja kienet għalihom ilkoll imma ġabuha fix-xejn għax xtaqu ħwejjeġ oħra. Meħtieġ li nintebħu bid-doni li ġew mogħtija lilna qabel ikun tard wisq!

- **VANĠELU (Lq 13.1-9)**

Quddiem iż-żewġ ġrajjiet kurrenti (imwiet x'aktarx ta' Żeloti maqtula minn Pilatu waqt li kienu joffu s-sagrifiċċju fit-tempju ta' Ġerusalemm forsi wara irvell kontra r-Rumani, u l-qerda għall-għarrieda tat-torri ta' Siloe li difen taħtu 19-il ruħ), Ġesù hu mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-Lhud kienu jirraġunaw li jekk Alla hu ġust, ifisser li kienu midinbin ġaladarba ġarrbu tmiem hekk kiefer u bla mistenni. Ġesù jagħti opinjoni oħra: imma jien ngħidilkom... Ġesù jistieden biex iwarrbu s-sentimenti tal-biża' u jħaddnu sentimenti sinċieri ta' konverżjoni.

Id-diżgrazzja hija sinjal għal kulħadd ta' l-urġenza tal-indiema u tal-konverżjoni. Inkunu niżbaljaw jekk ngħidu li l-vittmi ta' dawn iż-żewġ traġedji kienu aktar midinbin mill-oħrajn. L-importanti li kulħadd jintebaħ bl-urġenza ta' l-indiema għax Ġesù qiegħed joffri possibiltà oħra ta' ħniena. Ġesù jeskludi li nsibu raġuni għal dawn il-ġrajjiet fil-ġustizzja jew in-nuqqas ta' setgħa tiegħu. Kulħadd hu milqut mid-dnub – ħadd m'hu aħjar minn ħadd f'dan ir-rigward! Meħtieġ li naħsbu nikkonvertu! Id-dnub huwa dejjem diżgrazzja hu fuq min hu!

Għal darbtejn f'din is-silta – imma jekk ma tindmux ilkoll tintilfu bħalhom (v. 3.5) – Ġesù jistieden għall-konverżjoni, fuq l-istess linja ta' ħsieb tal-profeti u ta' Ġwanni l-Battista. Ġesù mhux interessat li jitkellem mill-kontenut tal-konverżjoni imma jgħid li hija meħtieġa bidla ġenerali u radikali tal-mentalità (bidla sa mill-għeruq). Il-grazzja hija li kull bniedem jagħraf id-diżgrazzja tad-dnub li tant drabi ma jintebaħx bih.

Is-siġra tat-tin kienet saret simbolu tal-infedeltà tal-poplu. In-nuqqas ta' frott hu għas-sid okkażjoni biex jerġa' iġedded sabru – żmien ieħor ta' grazzja: sena ta' ġublew fuq xewqa t'Alla nnifsu fl-istennija kollha tama li t-tina tagħti l-frott. Alla ma jagħżilx li jaqta' s-siġra li ma tagħtix frott, imma jistenna li tagħti sinjal ta' frott wara kura u attenzjoni eċċezzjonali. Jenfasizza b'mod ċar iż-żmien meħtieġ li Alla jagħti lil kull bniedem għall-konverżjoni vera. Alla qatt ma jgħejja jew jitlef is-sabar tiegħu. Hija biss l-ebusija tal-qalb tal-bniedem li tiċħad kull sabar t'Alla u li tagħmel impossibbli l-konverżjoni. Il-grazzja tiegħu għalina, aktar ma titwebbes qalb il-bniedem, aktar issir grazzja fuq grazzja. "B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-Qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu" (Ef 3.18).

Alla jemmen fil-bniedem u juri lilu nnifsu bħala fidil, idum biex jagħdab u kollu mogħdrija, kollu sabar u dejjem mimli fiduċja fina. Ibnu Ġesù hu l-aħħar tentattiv biex l-Ispirtu tiegħu mogħti lilna ma jħalliniex aktar wlied tal-jasar imma għamel minna wlied Alla.

Hija din l-aħbar tajba li ssir għalina ta' stimolu u tirbaħ l-ebusija tal-moħħ u tal-qalb, biex nifthu qalbna għall-ħniena t'Alla li huwa dejjem lest biex jaħfrilna.

**b. <u>Indikazzjonijiet pastorali</u>:**

- Issir attenzjoni partikulari fuq il-kliem li jingħad, speċjalment isir sforz biex ma jingħadx dagħa u anqas kliem baxx.
- Bħala talba, matul il-ħimgħa tingħad l-"Att ta' ndiema", b'xewqa li nikbru fid-dispjaċir għad-dnubiet li jwassal għall-indiema u għall-konverżjoni.

## 4. Ir-Raba' Ħadd

### a. Tema: FIDI F'ĠESÙ ĦABIB TAL-MIDINBIN

- **I Qari: (Ġoż 5.9a,10-12)**

Fl-I Qari nkomplu nisimgħu siltiet li jfakkruna f'mumenti l-aktar importanti fl-istorja tal-poplu ta' Iżrael u li fihom tidher l-id setgħana ta' Alla. Illum nisimgħu s-silta meħuda mill-Ktieb ta' Ġożwè meta wara erbgħin sena li damu mexjin fid-Deżert, fl-aħħar jaqsmu l-Ġordan u jidħlu fl-art imwegħda.

Il-ktieb ta' Ġożwè hu maqsum fi tlett partijiet: kap 1–12 id-daħla u l-ħakma tal-art; kap 13-24 il-qsim tal-art qalb it-tribujiet; u kap 22-24 it-tmiem tal-missjoni ta' Ġożwè bħala l-ewwel imħallef.

Malli jidħol fl-art li Alla kien tah, il-poplu jiċċelebra għall-ewwel darba f'din l-art il-festa tal-Għid. Għal darba oħra l-festa tal-Għid saret b'mod ħaj għax iċċelebraw il-ħelsien wara tant snin jiġġerrew fid-Deżert. Issa ma kinux aktar pellegrini fid-Deżert imma poplu sedentarju. Minn issa'il quddiem ma kienx hemm aktar il-manna imma kien meħtieġ li tinħadem l-art biex b'għaraq u b'impenn jieklu l-frott ta' din l-art, don t'Alla lejn dan il-poplu. Issa kienet seħħet il-wegħda li Alla kien għamel lil Abram li kien ser jagħti art lil nislu u jgħammru fiha. L-art hija sinjal mill-aktar konkret tal-fedeltà t'Alla, li jsegwi b'mod sħiħ il-wegħdiet li bihom ikun intrabat mal-poplu.

Il-mogħdija mill-Ġordan hija ppreżentata mill-ktieb ta' Ġożwè bħala purċissjoni liturġika – l-arka fuq quddiemnett merfugħa minn 12-il raġel, wieħed minn kull tribu. Meta r-riġlejn ta' dawn l-irġiel imissu mal-ilma, jseħħ mill-ġdid il-miraklu tal-baħar tal-Qasab u l-poplu jimxi fuq art niexfa. Jitwaqqfu wkoll f'nofs il-Ġordan 12-il ġebla bħala tifkira ta' dan il-mument ta' salvazzjoni. U wara (kif nisimgħu fis-silta tallum) jiċċelebraw l-Għid bħalma għamlu fil-ħruġ tagħhom mill-Eġittu.

Hija silta li tfakkarna fis-sagramenti tal-bidu tal-Ħajja Nisranija u li sejrin inġeddu fil-lejl qaddis tal-Għid u tul il-50 ġurnata tal-Għid. Aħna wkoll għaddejna mill-ilma tal-Magħmudija biex wasalna fl-art imwegħda, il-Mejda tal-Ewkaristija li hija għalina sinjal tal-milja tal-ħajja ta' dejjem, frott tal-ħajja Niranija li aħna nistqarru, niċċelebraw u ngħixu.

Kristu hu għalina l-Għid tagħna għax bħal Ġożwè idaħħalna fil-ħajja vera, mħejjija għalina. Kull Ewkaristija ssir għalina okkażjoni biex mill-ġdid nittieħdu minn Kristu u ninbidlu fih. Dan hu il-veru Għid!

- **II Qari: (2 Kor 5.17-21)**

F'din is-silta San Pawl ifiehem lill-Korintin x'bidla ġabet il-fidwa ta' Kristu – *ilkoll sirna ħolqien ġdid*. Din it-tema tal-ħolqien ġdid hija tema li nsibuha fil-profeti (Iż 43,19; 65,17). Dawn xandru l-wegħdiet li kellhom iseħħu mat-tmiem tal-eżilju, imma li Kristu kellu jiżboqhom ilkoll fl-era messjanika li huwa inawgura u li għandha tiġġedded b'mod definittiv fl-aħħar taż-żminijiet (Apok 21,1).

San Pawl jinsisti li dan iż-żmien diġà beda għax tassew aħna ħlejjaq ġodda, frott tas-salvazzjoni mwettqa fi Kristu. Hija bidla li tilħaq l-eżistenza kollha tal-bniedem, hekk li ħadd mhu mbiegħed minn dan il-ħolqien ġdid.

M'hemm l-ebda impenn jew opra tal-liġi meħtieġa, imma biss li wieħed jintebaħ u jemmen li fi Kristu Msallab aħna ġejna mifdija, u ksibna l-ġustizzja ta'Alla.

Fuq dan il-fatt Pawlu jibni l-eżortazzjoni tiegħu biex ninħabbu ma' Alla, u hekk isseħħ ir-rikonċiljazzjoni. Il-verb Grieg huwa *katallaso*, verb kompost minn *kata* (lejn) u *allos* (ieħor), li minnu toħroġ it-tifsira dinamiċa li tindika l-mogħdija minn stat għall-ieħor jew li wieħed iqarreb lejn xulxin. Hekk San Pawl jistieden lill-insara ta' Korintu biex joħolqu relazzjoni ġdida m'Alla, hekk li jħallu d-dnub u jgħaddu għall-ħbiberija. Il-Vanġelu hu l-Bxara t-Tajba ta' din ir-rikonċiljazzjoni mwettqa fi Kristu u bi Kristu u li hija offruta lil kulħadd.

Il-knisja hija afdata b'dan il-ministeru – id-djakonija tar-Rikonċiljazzjoni – li xxandar li kull bniedem ġie mħabbeb mill-ġdid ma' Alla għax Kristu miet għalina. Alla qiesu daqslikieku kien dnub, b'favur lejna. Alla ried li Ibnu jkun solidali mal-bniedem midneb, billi jsir suġġett għall-konsegwenzi tad-dnub – tbatija, umiljazzjoni, u mewt. L-inkarnazzjoni twassal lil Alla biex jidentifika lil ibnu mal-konsegwenzi tad-dnub. Billi sar solidali mal-umanità midimba, Kristu setà jagħmel lill-bnedmin solidali mal-ubbidjenza u mal-ġustizzja tiegħu hekk kif dehret fil-mewt tiegħu fuq is-salib – *Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti* (Rum 5,19).

Min-naħa tagħna, permezz tiegħu nsiru ġustizzja t'Alla – ma jfissirx li nsiru ġustizzja imma nakkwistaw l-effetti ta' din il-ġustizzja skond il-possibiltà li nilqgħu dan bħala don ta' grazzja mogħti b'xejn lilna.

Din is-silta hija mibnija fuq parallelliżmu qawwi (mibni fuq it-teknika retoriċa tal-metonomija fejn l-effetti jiġu espressi permezz tal-kawża) bejn l-identifikazzjoni ta' Kristu mad-dnub li ma wettaqx u li mhux ħati tiegħu, u l-identifikazzjoni tagħna mal-ġustizzja t'Alla li mhix frott għemilna imma li b'mod gratuwitu aħna rċevejna.

- **<u>VANĠELU:</u> (Lq 15.1-3,11-32)**

Illum il-Knisja tistedinna naqsmu l-ferħ tal-Missier li jsib mill-ġdid lill-Ibnu. Kristu bi kliemu u għemilu wera b'mod konkret kif Alla jilqa' l-midneb. Ma jibqax passiv fl-istennija ta' Ibnu li reġa' lura, u jħejjilu festa kbira. Din il-parabbola tintrabat sewwa ma' l-istil tal-Evanġelista Luqa li huwa meqjus li għandu attenzjoni partikolari lejn it-temi tal-ħniena u tal-ferħ. Fil-fatt f' Kap 15 jagħtina 3 parabboli li jinsistu fuq il-ferħ t'Alla lejn il-mibneb niedem. It-tielet waħda minn dawn it-tlieta – il-parabbola tal-Iben il-Ħali – tiġi mxandra f'dan ir-IV Ħadd tar-Randan.

Id-daħla tas-silta tal-Vanġelu turina l-kuntest li ried jindirizza Ġesù meta rrakkonta din il-parabbola. Ir-raġuni hija r-risposta li Ġesù xtaq jagħti lill-iskribi u l-Fariżej għax kienu qegħdin jakkużawh li jilqa' għandu l-pubblikani u l-midinbin.

Is-silta tenfasizza l-ferħ għall-indiema murija għax għandna missier li mill-ġdid isib lil Ibnu u jagħmillu festa f'ġieħu. U bdew jiċċelebraw il-festa mingħajr ma stennew l-iben il-kbir!

Dan ma fehemx li kien meħtieġ li ssir din il-festa, u rrabja u baqa' barra. Il-parabbola ssir għalina stedina biex naqsmu l-ferħ t'Alla meta jerġa' jsib wieħed minn uliedu li jkun ntilef. Fil-fatt il-persunaġġ tal-iben il-kbir ifakkarna fl-iskribi u l-fariżej li gemgmu kontra Ġesù. Raġuni għal festa ta' din ix-xorta ma kinitx tagħmel sens għalihom. Forsi anke għall-Insara ta' żmienna, il-festa tal-Għid li riesqa ftit tagħmel sens. Jeħtieġ li jkunu mgħejjuna jifhmu l-ħtieġa ta' din il-festa li Alla nnifsu qiegħed iħejjielna.

Il-parabbola ma tikkundannax lil dan l-iben il-kbir – il-Missier innifsu joħroġ biex jispjegalu r-raġuni tal-festa. Imma din ir-raġuni għalih ma kinitx tagħmel sens, u b'aggressività jesprimi dak li skond hu huwa inġust u mhux sewwa. Jasal li jikkritika l-gratitudni skandaluża tal-Missier.

Dan huwa l-iben li jippreżenta idejal ta' ħajja reliġjuża li kienet mibnija mhux fuq l-imħabba gratuwità. Peress li kien dejjem iben fidil iħoss li għandu dritt fuq missieru. Mhix il-ħajja ta' ħuh li tiskandalizzah imma l-imġieba tal-Missier tant li jasal li jiddisprezza lil ħuh il-midneb – "Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa tat-triq u lilu toqtollu l-għoġol imsemmen!" (Dawn huma l-istess sentimenti ta' disprezz li kellu l-Fariżew fil-konfront tal-Pubblikan waqt il-mument tat-talb – Lq 18,9-14).

L-Iben il-kbir jirraġuna bejnu u bejn ruħu: Jekk inhu hekk, x'vantaġġi hemm għal dawk li huma ġusti? L-iben iż-żgħir huwa ix-xbieha tal-midneb hekk kif impitter fil-moħħ tal-fariżej ta' kull żmien – Jitlaq lejn pajjiż fil-bogħod, forsi anke qalb il-pagani, u hemm igħix ħajja li tilħaq il-baxx tad-dinjità tal-bniedem. Meta jieqaf u jaħseb m'għandu l-ebda sogħba għall-imġieba tiegħu, jew għall-piena li kkawża li lmissieru. jiġih biss f'rasu li f'dar missieru jkollu x'jiekol! Jerġa' lura u jħejji bejnu u bejn ruħu, frażi li tmiss il-qalb ta' missieru u bla tlaqliq jagħtih dak li jitolbu. Jekk inkunu biżżejjed attenti nintebħu li m'hemm l-ebda mudell li wieħed jista' jimita f'dan il-midneb tal-parabbola. Ma nistgħux ngħidu li dan l-Iben huwa xbieha tal-midneb niedem u tal-konverżjoni tiegħu! Il-fariżej kienu dawk li ma kinux jemmnu li l-konverżjoni hija possibbli u għalhekk waqt li jwarrbu u jitkażaw bil-midimbin, ikompli jikkonfermaw il-viżjoni ta'fedeltà u preċiżjoni li kellhom tagħhom infushom fil-konfront tar-reliġjon.

U għalhekk il-protagonist waħdieni jibqa' l-missier li lejh indawru ħarsitna. Il-parabbola tfittex li tiġġustifika l-imġieba ta' Ġesù mal-midinbin. Ġesù jurina kif jaġixxi Alla li tiegħu l-missier tal-parabbola huwa xbieha. Ma jagħtix kas ta' dak li igħidlu ibnu meta jerġa' lura imma jinteressah minn ħaġa waħda – li jlibbes lil ibnu bl-isbaħ ilbiex u jeħħilu l-festa: *Għax ...kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab.*

Dan kollu jesprimi li l-missier iqiegħed l-importanza kollha f'xejn, għajr li ibnu issa jinsab lura d-dar! Ħadd m'hu missier daqs Alla u għalhekk jekk bħala ulied, inħossu li berbaqna kull ma tana, aħna ċerti li anke jekk nerġgħu lura b'xejn, ser jilqagħna mill-ġdid u jifraħ bina aktar mill-iben l-ieħor. Nistħajjlu lill-missier igħidlu lil dan l-iben il-kbir: Nista' nħobb lil ħuk bla ma nneħħielek u nnaqqaslek xejn minn imħabbti? Ifhem li kien meħtieġ li nagħmlu festa!

Dan l-iben il-kbir fehem dan kollu? Il-parabbola ma tgħidilna xejn dwar dan: kull wieħed minn hu fil-libertà li jaħseb għalih dak li seta' għamel dan l-iben il-kbir!

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid hija t-tifkira tal-imħabba bla qies t'Alla lejn il-midneb. Lanqas id-dnub ma jfixkel lil Alla li jkun Alla-Mħabba għall-midneb. Kull midneb jista' jagħraf lil Alla-Mħabba! Ħadd u xejn ma jista' jifridna mill-imħabba t'Alla – l-ebda dnub, sew dawk magħrufa u mistqarra, kif ukoll dawk li għadhom jumiljawna. Xejn ma jeqred it-tama fis-salvazzjoni.

Hija biss l-imħabba t'Alla li tispirana u tnebbaħna mill-ġdid bit-triq lura lejn darna. Il-grazzja hija li nismgħu lil Alla jgħidilna: *Ibni int dejjem miegħi u dak li hu tiegħu hu tiegħek.*

**b. Indikazzjonijiet pastorali:**

- Isiru żjajjar lil anzjani u morda, fi djarhom jew fl-isptar jew fid-Djar ta' l-anzjani.
- Isir talb għar-rikonċiljazzjoni u għall-paċi fi ħdan il-familji mifruda.

## 5. Il-Ħames Ħadd

a. **Tema: FIDI F’ ĦOLQIEN ĠDID FI KRISTU**

- **I Qari: (Is 43.16-21)**

Mument mill-aktar importanti fl-istorja tal-poplu ta’ Iżrael kien l-eżilju tal-Babilonja. Din is-silta nkitbet mill-profeta li kien qiegħed igħix eżiljat fil-Babilonja fi żmien is-sultan Ċiru. Il-profeta jrid iqawwi t-tama ta’ ħutu li jinsabu fil-jasar billi jħabbrilhom li Alla kien se jagħmel ħaġa ġdida.
Jitkellem Alla bħala l-Ħallieq tal-poplu ta’ Iżrael. Ma waqafx joħloq, u ser ikompli l-opra tal-Ħolqien fi fdan il-poplu l-magħżul. Hemm kontinwità fil-ħolqien tul l-istorja tas-salvazzjoni sakemm jaslu l-art ġdida u s-smewwiet ġodda tal-Apokalissi. Il-kantiku l-ġdid tal-Apok 11,3 huwa ġabra tat-tifħir li din l-opra tal-ħolqien tqanqal fi ħdan il-poplu t’Alla u li sa minn issa diġà jgħolli lejn il-Missier Alla.
Il-profeta għandu kuxjenza tat-totalità tal-istorja tas-salvazzjoni, bid-direzzjoni dinamika tagħha sakemm “kollox u kulħadd ikun fi Kristu”.

- **II Qari: (Fil 3.8-14)**

San Pawl iqabbel id-dinamiżmu tal-ħajja Nisranija mal-ġirja tal-atleta. L-għarfien li minnu jitkellem Pawlu mhux għarfien intelletwali imma esperjenza ta’ mħabba li twasslu biex jiċċaħħad minn kollox u jitgħata kollu kemm hu għal Kristu. Pawlu jiddeċiedi bla dubju u b’qalb sħiħa li jaqsam mill-imħabba redentriċi ta’ Kristu, u jagħmilha l-istil tal-ħajja kollha tiegħu. Hekk warrab kollox (ngħodd kollox bħala telf\nitlef kollox u kollox ngħodd bħala knis) biex jasal għall-ħajja vera u jkun jinsab fi Kristu. Pawlu kien iħoss f’ġismu u fl-eżistenza tiegħu l-qawwa tal-qawmien ta’ Kristu Rxoxt li ltaqa’ miegħu fit-triq ta’ Damasku, u ħarġu mill-passat ta’ ċertezzi qarrieqa. San Pawl jimliena b’determinazzjoni u kuraġġ, għax il-bniedem mirbuħ minn Kristu jsib il-ħajja vera. L-ebda mertu u l-ebda ħila tagħna ma ssalvana imma biss kemm iseħħilna nispiraw u norjentaw ħajjitna mill-imħabba ta’ Kristu.

- **VANĠELU: (Ġw 8.1-11)**

F’dan il-Ħadd, il-Liturġija tħalli l-Evanġelju skond San Luqa u xxandrilna silta mill-Evanġelju skond San Ġwann – ir-rakkont tal-mara adultera. Hija silta li għalkemm mhix ta’ Luqa, però hija marbuta ħafna mal-mixja penitenzjali li s-Sena Ċ tistedinna għaliha. Hija silta li ma tantx taqbel mal-istil tar-IV Vanġelu u għalhekk xi studjużi huma tal-fehma li kien Luqa nnifsu li kiteb din il-paġna u wara ġiet miżjuda fl-Evanġelju ta’ Ġwanni biex tkun prova ta’ dak li jgħid Ġesù fi Ġw 8,15: “Intom il-ħaqq tagħkom tagħmluh ta’ bnedmin li intom; jien ma nagħmel ħaqq minn ħadd”. Diversi huma l-manuskritti antiki tar-IV Vanġelu li jħallu barra din is-sezzjoni ta’ Ġw 8.1-11. Madanakollu għandna xhieda antika ta’ din is-silta fil-kummentarju għar-IV Vanġelu magħmul minn Papija, isqof ta’ Ġerapoli fl-Asja Minuri, qrib is-sena 130 WK. Hi x’inhi l-istorja li waslet biex dan ir-rakkont jagħmel parti mir-IV Vanġelu, ma jnaqqas xejn mill-istoriċità u l-kanoniċità ta’ din il-paġna tal-Vanġelu.

Hija tassew paġna integranti mal-Bxara t-Tajba tal-ħniena t'Alla mwettqa fil-kliem u l-għemejjel tal-Mulej Ġesù.

Il-mara li tinqabad fl-adulterju kienet ħatja u fid-dmir li tkun ikkundannata (Lev 20.10; Dt 22.22; Dt 22.23-29). Il-mistoqsija li poġġew lil Ġesù poġġietu quddiem il-mewt jew il-ħajja.

Ġesù beda jikteb fl-art. X' kiteb? Il-Vanġelu ma jgħidilniex x'kiteb u dan ifisser li ftit jinteressa lill-Evanġelista il-kontenut ta' din il-kitba. X'aktarx huwa ġest li jagħti ħjiel li Ġesù ma jurix interess li jagħti ġudizzju kontra l-mara adultera. Però żgur li mhux ġest li juri nuqqas ta' interess min-naħa ta' Ġesù lejn il-mara, kif id-djalogu tiegħu sejjer juri.

Sant'Wistin jiddeskrivi din ix-xena b'dawn il-kelmiet: il-miżerja tal-mara wiċċ ma' wiċċ mal-ħniena t'Alla.

Ġesù ma jiffavorixxix il-ħajja passata tal-mara adultera, tant li jgħidilha: Mur u mill-lum 'il quddiem tidnibx aktar. Din hija l-kelma li tagħti ħajja ġdida lil din l-adultera, hekk li f'ħajjitha takkwista l-possibiltà li tirxoxta mill-ġdid.

L-imħabba li l-mara tirċievi fil-maħfra, issalvaha u tagħmilha ġusta. Fil-fatt wieħed isalva skond kemm jesperimenta l-imħabba ta' wieħed ġust li ma jikkundannahx għal għemilu. Il-Knisja tidentifika lilha nfisha ma' din il-mara adultera li ma tħobbx lill-għarus tagħha u li ġurnata waħda wara l-oħra tiġġedded mill-maħfra li tirċievi.

### b. Indikazzjonijiet pastorali:

- Il-komunità parrokkjali hija mistiedna biex telimina preġudizzji fil-konfront ta' sitwazzjonijiet irregolari ta' membri minn ħdan l-istess komunità.
- Issir penitenza volontarja bħala tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa.
- Issir it-"Tħabbira" ta' **Jum il-Penitenza** li se jinżamm fil-Parroċċi kollha t-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dakinhar ikun jum iddedikat lis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni li fih jiġi amministrat b'mod komunitarju s-sagrament tal-Qrar.

# 5. <u>SKEMI GĦALL-EŻERĊIZZI TAR-RANDAN 2007</u>

## "INQUM U MMUR GĦAND MISSIERI"

***Nota**: Fir-Randan ta' din is-sena qed tiġi proposta bħala tema ġenerali għall-Eżerċizzi l-parabbola ta' l-Iben il-Ħali (Lq 15,11-32). Dawn l-iskemi li qed nipproponu ma jixtiequ bl-ebda mod inaqqsu mill-inizjattiva u l-kreattività tal-predikatur. Fil-fatt, m'aħniex nipproponu "priedki lesti", imma biss punti għar-riflessjoni personali tal-predikatur. Min jagħżel li jimxi fuqhom huwa mitlub li l-ewwel jimmedita fuqhom hu, japplikahom għall-ħajja personali tiegħu u mbagħad, fid-dawl ta' dak li jnebbħu l-Mulej, jara kif jista' jipproponiehom lill-poplu t'Alla waqt l-Eżerċizzi. Inħallu b'mod speċjali f'idejn il-predikatur l-applikazzjoni tal-Kelma għall-ħajja ta' kuljum, anke b'eżempji konkreti, skond il-kategorija ta' nies li jkollu quddiemu.*

### I. "<u>QASSMILHOM IL-ĠID</u>" (v.12)

<u>suġġett prinċipali</u>: *il-ġenerożità (l-imħabba) ta' Alla*

- Fil-parabbola tispikka l-imħabba ta' Alla bħala veru Missier.

- Il-ġenerożità tiegħu tidher fid-doni (ġid, grazzji) li jqassam.

- X'inhuma d-doni li jqassmilna?
  (a) il-ħajja
  (b) il-fidi
  (ċ) il-libertà
  (d) l-imħabba

- L-akbar don: Ibnu nnifsu. "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih" (Ġw 3,16).

- Fi Kristu tana kollox: "Kull ma hu tiegħi, hu tiegħek"! Ma' Ġesù għamilna "wlied" u "werrieta". Tana l-ħajja ta' dejjem (minn issa!).

- Alla: Missier li "jafda" lil uliedu.

- Għax jafdahom, jirrispetta l-libertà tagħhom!

- "qassmilhom" il-ġid (fil-plural!).

- Meta jqassmilhom il-ġid, il-Missier qed jagħmel lilu nnifsu vulnerabbli, dgħajjef! Qed jesponi lilu nnifsu għar-riskju li:
  - jiġi mqarraq minn uliedu stess
  - jiġi disprezzat għax qassam ġidu matul ħajtu ("Iblah il-missier li jqassam ġidu matul ħajtu"!)

- Il-Missier qed jesponi lilu nnifsu għat-tbatija tal-falliment. Imma l-imħabba tirbaħ!

## II. "BERBAQ ĠIDU KOLLU" (v.13)

*suġġett prinċipali: ir-realtà tad-dnub*

- L-iben iż-żgħir qatt ma stenna li se jirċievi dak il-ġid kollu, tant li meta rċevieh għama u tilef il-viżjoni tal-Missier.

- Għalih il-Missier ma baqax iżjed importanti; il-ġid tal-Missier sar egħżeż mill-Missier innifsu:
S. Wistin: "Kienu l-kreaturi tiegħek stess li begħduni minnek!"

- Beda jemmen li hu onnipotenti u għalhekk ma ħassx aktar il-bżonn tal-Missier. Beda jemmen li issa jista' jiddeċiedi għalih innifsu bla ndħil ta' ħadd.

- Saħansitra wasal biex jaħseb li jista' jħares lejn l-oħrajn u juża lill-oħrajn għall-qadi tiegħu. U dan huwa l-għerq ta' kull dnub!

- Mela x'inhu eżatt id-dnub?

Essenzjalment id-dnub huwa meta jiena nieħu r-riedni ta' ħajti f'idejja u nibda nagħmel l-għażliet tiegħi mingħajr ma nqis lil Alla u lill-oħrajn.

- Bħala konsegwenza, spiċċa biex tilef lill-Missier, lil ħuh il-kbir u saħansitra lil dawk kollha li kien juża għall-interessi (kapriċċi) tiegħu.

- Spiċċa biex "berbaq ġidu kollu", i.e. spiċċa waħdu u b'vojt kbir f'qalbu: "Min ifittex li jsalva ħajtu, jitlifha!" (Lq 17,33).

## III. "<u>Daħal fih innifsu, qam u telaq għal għand Missieru</u>" (v.17.20)

*<u>suġġett prinċipali</u>: l-indiema*

(a) "daħal fih innifsu"

- Id-dnub iwassal għall-miżerja (solitudni, vojt, falliment).

- Dan kollu imma jwassal lill-iben biex jidħol fih innifsu, i.e. jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-verità dwaru nnifsu.

- X'inhi din il-verità? Hija li l-iben jibqa' dejjem iben, jiġifieri ma jista' qatt igħix mingħajr relazzjoni mal-Missier (u ma' ħuh).

- Grazzi għal dik l-esperjenza ta' miżerja jiskopri aktar fil-fond il-bżonn tal-Missier u ta' ħuh f'ħajtu. Fi kliem iehor jagħraf il-ġmiel tal-Missier.

- "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rm 5,20).

(b) "qam u telaq"

- Kienet l-iskoperta ta' dan il-ġmiel li wasslitu biex jieħu d-deċizjoni li jqum (jirxoxta) mill-miżerja tiegħu u jerġa' jmur għand il-Missier.

- Id-determinazzjoni ta' l-Iben tidher fil-fatt li lest jirritorna għand il-Missier anke jekk ma jkunx meqjus aktar bħala "iben".

## IV. "NIEKLU U NAGĦMLU FESTA" (v.23)

*suġġett prinċipali: ir-rikonċiljazzjoni*

- Alla huwa festa; għax Alla huwa mħabba u fejn hemm l-imħabba hemm il-ferħ.

- Il-festa tibda fil-qalb tal-Missier. Fid-dar tal-Missier hi dejjem festa.

- Din il-festa tiġi interrotta bit-tluq ta' l-Iben – kull iben! (Mhux l-iben iż-żgħir biss telaq imma anke l-kbir!)

- Il-Missier, proprju għax huwa mħabba, ma jistax jippermetti li l-festa tiegħu tibqa' interrotta għal dejjem u għalhekk jistenna u jagħmel ħiltu kollha biex jiġbed lil uliedu mill-ġdid għall-festa.

- Jekk jonqos imqar iben wieħed, il-festa mhix kompluta. (cfr. il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa u tad-drakma l-mitlufa li Luqa jpoġġi dritt qabel dik ta' l-iben il-ħali, f'kapitlu 15).

- Narawh allura joħroġ jiltaqa' ma' ibnu ż-żgħir, jgħannqu u jbusu u jilqgħu mill-ġdid f'daru.

- Narawh jerġa' joħroġ jiltaqa' ma' ibnu l-kbir u waqt li jfakkru fil-ġid kbir li kien irċieva ("Dak li hu tiegħi hu tiegħek") jistiednu jerġa' jidħol id-dar għall-festa.

- F'hiex tikkonsisti l-festa?

  - fl-isbaħ libsa li l-Missier ixiddlu
  - fiċ-ċurkett u s-sandli li l-Missier ilibbsu
  - fl-għoġol imsemmen li l-Missier joqtollu biex jiekol

- Hawn naraw xebħ mat-tliet sagramenti ta' l-inizjazzjoni kristjana:

  (a) il-libsa: il-Magħmudija; "intom ilbistu 'l Kristu" (Gal 3,27)

  (b) iċ-ċurkett u s-sandli: il-Konfermazzjoni
  - iċ-ċurkett: siġill, rabta għal dejjem ma' Kristu
  - is-sandli: simbolu tad-dinjità ta' iben

  (c) l-għoġol maqtul (sagrifikat) għall-ikel: l-Ewkaristija.

- Din il-festa l-Missier joffriha lil kulhadd: "Henjin dawk li huma mistiedna…" (Apok 19,9).

## V. “<u>Dan huk kien mejjet u reġa’ qam</u>” (v.32)

*<u>suġġett prinċipali</u>: il-komunjoni ekkleżjali*

- Ma nistgħux inkunu wlied il-Missier jekk ma nkunux fl-istess ħin aħwa bejnietna.

- Id-dnub jifridna mhux biss mill-Missier imma wkoll mill-aħwa.

- Huwa l-Missier li jiġbor u jgħaqqad lil uliedu flimkien. Huwa fid-dar tal-Missier li nagħmlu mhux biss l-esperjenza ta’ “wlied” imma wkoll l-esperjenza ta’ “aħwa”. Din hi l-esperjenza tal-Knisja.

- Dawn iż-żewġ esperjenzi huma bħal żewġ naħat ta’ l-istess munita; m’hemmx waħda mingħajr l-oħra (cfr. l-ewwel ittra ta’ San Ġwann dwar l-imħabba t’Alla u tal-proxxmu).

- F’din il-familja hemm l-iben “il-kbir” u l-iben “iż-żgħir”, imma t-tnejn huma wlied. Fil-Knisja wkoll kulħadd għandu l-post tiegħu (kariżmi differenti) imma lkoll aħwa u wlied.

- Din hija l-bażi tal-vera komunjoni fil-Knisja, anzi komunjoni li hi l-Knisja! Komunjoni li tinbena madwar il-mejda tal-Kelma u ta’ l-Ewkaristija.

- Bħall-iben il-kbir jista’ jiġrilna li nieħdu *for granted* l-esperjenza tal-Knisja tant li ma napprezzawx iżjed id-doni tal-Missier li għandna f’idejna (“*Dak li hu tiegħi huwa tiegħek*”) u bħala konsegwenza naslu biex infixklu anke lil min jixtieq jidħol mill-ġdid u jaqsam magħna dawn id-doni. (Eżempju: kif qed tkun ir-reazzjoni tagħna, li qegħdin dejjem fil-Knisja, quddiem dawk ħutna mbegħdin li jixtiequ jerġgħu jersqu mill-ġdid?)

- Bħall-iben il-kbir nistgħu ninqdew bid-dgħjufija ta’ ħuna biex minflok ngħinuh, nistagħnu aħna. Nibdew naħsbu li għandna xi dritt fuq ħutna li żbaljaw u nippretendu li nagħmlu kundizzjonijiet lill-Missier biex jilqagħhom lura (mill-kliem li l-iben il-kbir jgħid lill-Missier u mill-fatt li ma jridx jidħol, jidher li qed jgħidlu: jew jien jew hu).

- M’hemmx vera maħfra u rikonċiljazzjoni mingħajr tbatija! Min-naħa tiegħu l-Missier diġà għamel dan kollu. Jistenna issa lil ibnu l-kbir jimxi fuq l-istess passi tiegħu.

- Li tagħmel dan il-pass ifisser “tirxoxta”. L-iben iż-żgħir “kien mejjet u reġa’ qam”; imiss issa lill-iben il-kbir jirxoxta huwa wkoll biex jiskopri s-sbuħija tal-festa li l-missier ħejja għal uliedu u hekk jiskopri mill-ġdid, u aktar fil-fond, is-sbuħija li jkollok “Missier” u “ħuk” fl-istess dar miegħek!

## 6. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦALL-ADOLEXXENTI

### "Quddiem Ġesù msallab"

| |
|---|
| Materjal meħtieġ:<br>1. Kurċifiss ftit imdaqqas.<br>2. CD player u background music.<br>3. Żinġla bl-ilma u xugaman. |

1. **Introduzzjoni għal-laqgħa sagramentali: tisira taċ-ċelebrazzjoni u tat-tema**

   *Animatur:*
   Ir-Randan iġibna wiċċ imb wiċċ mal-ġrajja tal-fidwa. Il-ġrajja tal-fidwa mhix biss avveniment, imma fuq kollox Persuna: Ġesù ta' Nazaret. Is-salib hu s-sinjal il-kbir tal-fidwa. Permezz taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrment tar-Rikonċiljazzjoni, il-Knisja tistedinna nimmeditaw u nersqu lejn Ġesù, li ta ħajtu b'fidwa għall-kotra.

   - Tista' tkun ta' għajnuna l-ġrajja ta' Marċellinu Ħobż u Nbid.

2. **Kant**

3. **Qari**

Mill-Vanġelu ta' San Mark (15,33-41)

X'ħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija u jniżżlu!" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu. U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel. Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!" Kien hemm ukoll xi nisa jħarsu mill-bogħod, fosthom Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu ż-żgħir u Ġosè, u Salomi; dawn kienu jmorru miegħu u jaqduh. U kien hemm ukoll bosta oħrajn li kienu telgħu Ġerusalemm miegħu.

*Il-Kelma tal-Mulej. /Tifħir lilek, Kristu.*

## 4. Riflessjoni

- Il-figura ta' Ġesù fuq is-salib għandha tkun iċ-ċentru tar-riflessjoni.
- Ġesù msallab huwa mera doppja: jurina l-imħabba ta' Alla għalina, u fih nistgħu naraw ukoll sa fejn tasal l-imħabba tagħna. *(Tkun ħaġa tajba li ċ-ċelebrant jorbot il-ħsieb ma' xi esperjenza konkreta.)*
- Hawn qed inġibu tliet fatti li jistgħu jkunu ta' għajnuna fir-riflessjoni.

### *i. Il-Kurċifiss tal-Katidral ta' Wurzburg*

Fil-katidral tal-belt ta' Wurzburg, il-Ġermanja, hemm Kurċifiss mhux tas-soltu: idejn Ġesù mhumiex imwaħħlin bl-imsiemer ma' l-għuda tas-salib, imma maqlugħin u jiffurmaw bħal tgħanniqa. Rakkont aneddottiku jgħid li darba daħal wieħed fil-knisja biex jisraq. Meta l-bieb ingħalaq għal-lejl u ma kien fadal ħadd fil-knisja, il-ħalliel beda jdur mal-knisja biex jara x'jisraq, u fid-dlam lemaħ xi ħaġa tleqq. Resaq fil-qrib u nduna li l-kuruna tax-xewk tal-Kurċifiss kienet tad-deheb. Hekk kif medd idejh biex jisraq dik il-kuruna, il-Kurċifiss qala' jdejh minn mas-salib, u għannaq miegħu lil dak il-ħalliel, li baqa' mitluf fit-tgħanniqa ta' Kristu sa ma nstab l-għada filgħodu mis-sagristan.

### *ii.X'jingħad li qal Kurċifiss Fjamming (1623)*

Jien id-Dawl, u intom ma tarawnix.
Jien it-Triq, u intom m'intomx mexjin warajja.
Jien il-Verità, u intom ma temmnunix.
Jien il-Ħajja, u intom ma tfittxunix.
Jien l-Imgħallem, u intom ma tisimgħunix.
Jien il-Kap, u intom ma tobdunix.
Jien Alla tagħkom, u intom ma titolbunix.
Jien il-Ħabib tagħkom, u intom ma tħobbunix.
Jekk ma tkunux ferħanin, twaħħlux fija!

### *iii. It-terremot ta' l-Armenja (1989)*

It-terremot li sar fl-Armenja ħalla warajh eluf ta' mejta u ħerba sħiħa. Fost dawk li marru jagħtu l-għajnuna kien hemm il-Missjunarji tal-Karità, is-sorijiet ta' Madre Tereża. Fost il-ġrajjiet li baqgħu msemmija, hemm dik ta' omm u tarbija tagħha li nstabu ħajjin taħt it-tifrik wara ħmistax-il ġurnata. It-tarbija rnexxielha tibqa' ħajja għax l-omm kienet kuljum taqta' wieħed mis-swaba' tagħha biex tisqi t-tarbija bid-demm. Madre Tereża staqsitha mnejn sabet il-kuraġġ biex tagħmel ġest hekk kbir. "Għax ftakart f'dak li għamel għalina Dak," wieġbet dik il-mara, waqt li b'subgħajha messet il-Kurċifiss ċkejken li Madre Tereża kellha fuq il-libsa tagħha.

## 5. Eżami tal-kuxjenza

- Biex isir dan l-eżami tal-kuxjenza, hu importanti li jitpoġġa Kurċifiss quddiem l-adolexxenti.
- Iċ-ċelebrant jista' jaqra dawn ir-riflessjonijiet jew jgħid oħrajn bħalhom.

a. L-Idejn

Il-pali ta' jdejn Ġesù huma mtaqqbin, minfudin bl-imsiemer. Idejn Ġesù huma miftuħin beraħ, lesti biex ikomplu jqassmu l-imħabba, kif dejjem għamel matul ħajtu. Huma jdejn li ħadmu: fix-xogħol ta' l-injam meta kien għadu d-dar, imbagħad biex ifejjaq il-mard, jimla bil-kuraġġ, ibierek…

*Ħares ftit lejn idejk!...*

Taħseb li jdejk huma miftuħin jew magħluqin? Huma jdejn ġenerużi, jaqsmu ma' l-oħrajn, jew huma jdejn magħluqin u marsusin, iżommu kollox għalihom u ma jridu jagħtu xejn ħadd? Tħoss li int ġeneruż ma' l-oħrajn? Tħossok lest tgħin lill-oħrajn? Idejk huma bieżla, jew dejjem fil-but, għażżenin, ma jridu jagħmlu xejn? Dmirijietek – id-dar, l-iskola… – twettaqhom sewwa, jew taħrabhom?

b. Ir-Riġlejn

Riġlejn Ġesù ma jistgħux jitħarrku. Huma mwaħħlin ma' l-għuda. Imma kemm mili terrqu dawk ir-riġlejn! Ġesù kien dejjem jivvjaġġa, idur minn post għall-ieħor iwassal l-Aħbar tas-salvazzjoni.

*Ħoss ftit riġlejk ma' l-art...*

Taħseb li bħalissa miexi kif suppost wara Ġesù? Jew kultant toħroġ barra mit-triq? U meta tkun miexi wara Ġesù, dan qed tagħmlu bil-ferħ, jew b'ħafna tqanżiħ? B'liema ħeġġa tmur għall-quddiesa tal-Ħadd? Tħossok miexi fit-triq tal-Vanġelu, jew qed twebbes rasek u tagħmel dak li jogħġob lilek? Tħossok qiegħed tikber u timmatura, jew għadek iġġib ruħek ta' tifel żgħir? Kapaċi tirreżisti lil min iħajrek għall-ħażen, jew tagħmel bħall-oħrajn għax tibża' li jidħku bik?

c. Il-Fomm

Ġesù għandu ħalqu niexef, bil-għatx. Jisquħ il-ħall, u jħoss it-togħma tal-morr… Minn dak l-istess fomm joħroġ kliem ta' talb u ta' maħfra. Imma joħroġ ukoll il-krib tat-tbatija kbira li kien qiegħed iġarrab. Matul ħajtu kollha Ġesù użu fommu biex iħabbar is-Saltna t'Alla, biex jgħallem, biex ixandar il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, biex jistqarr il-Verità, biex ifarraġ…

*Ipprova ftakar ftit x'joħroġ minn fommok…*

Kif titkellem? Xi kliem tuża? Kliemek iġib il-ħbiberija jew il-ġlied? Ġieli tweġġa' lil xi ħadd b'dak li tgħid? Tieħu gost toffendi u tgħajjar? Hemm xi ħadd minn sħabek li tħobb twaqqgħu għaċ-ċajt? Kemm int sinċier fi kliemek? Tgħid il-verità jew tinħeba wara l-gideb? Ġieli tgħid kliem baxx, jew kliem doppju sens biex turi kemm taf jew forsi biex iddaħħak lil sħabek? Tidgħi? Meta xi ħadd ma jaqbilx miegħek, jew forsi l-ġenituri tiegħek stess iwissuk, kif tirrispondihom? Bl-għajat? Taf titlob skuża jew maħfra meta tiżbalja? Taf taħfer lil min ikun offendiek? Tħobb titkellem ma' Ġesù fit-talb, fil-quddiesa ta' kuljum u tal-Ħadd? Jew kultant tinsa li Ġesù jkun jistenniek biex jitkellem miegħek?

d. L-Għajnejn

Għajnejn Ġesù mislub huma ċċassati fuq il-Missier. Ġesù jħares lejn il-Missier biex jintelaq f'idejh u hekk titwettaq sa l-aħħar ir-rieda tiegħu. Ġesù jerfa' ħarstu lejn il-Missier biex jitlob maħfra għal dawk li kkundannawh. Imma Ġesù jħares ukoll lejn dawk li qegħdin taħt is-salib, lejn dawk li kkundannawh għal mewt hekk kerha.

Iħares lejhom bl-għajnejn ta' min qed ibati, imma fl-istess waqt bl-għajnejn ta' min jaf iħenn, jaħfer u jħobb sal-mewt. Matul ħajtu, Ġesù ħares f'għajnejn ħafna nies, ħarsa profonda mimlija tama, kuraġġ, maħfra u mħabba. Il-ħarsa ta' Ġesù kienet tibqa' nieżla sal-qalb, biex juri l-imħabba kbira li Alla għandu għall-bnedmin.
*Immaġina li qiegħed quddiem mera, tħares dritt f'għajnejk...*
X'tara miktub f'għajnejk? Taf tħares f'għajnejn il-ġenituri tiegħek, u tinduna bl-imħabba u t-tbatija tagħhom għalik? Tinduna bil-preżenza ta' sħabek? Meta tħares lejhom, tara biss dak li hu ikrah, dak li ma jogħġbokx? Jirnexxielek tara s-sabiħ fl-oħrajn? Kif tħares lejn it-tfajliet? Fejn tara li hemm bżonn l-għajnuna tiegħek, x'tagħmel? Tagħti daqqa t'id, jew iġġib skuża li għandek x'tagħmel? Xi jfittxu għajnejk meta tkun waħdek quddiem it-televixin? Xi tfittex fuq il-mobile jew fuq l-internet? Tfittex l-okkażjoni meta m'hemm ħadd miegħek id-dar biex tara l-pornografija? Ġieli ħajjart lil xi ħadd minn sħabek biex jagħmel bħalek?

### e. <u>Il-Qalb</u>

Qalb Ġesù hija miftuħa beraħ, minfuda bil-lanza. Hi l-qalb ta' min iħobb. Hi l-qalb ta' Ġesù, li fiha nistgħu ninħaslu minn dnubietna. Hi l-qalb miftuħa tas-Salvatur.
*Poġġi jdejk fuq qalbek...*
X'qiegħed tħoss? X'hemm iħabbat fil-qalb tiegħek? Taf tħobb? Veru tħobbhom lill-ġenituri tiegħek, lil sħabek, lil dawk li qed jippruvaw jgħinuk? Kif qed tħobbhom? Kemm lest tbati biex tħobb verament? Rasek iebsa? Supperv? Trid li kulħadd jagħmel dak li tgħid int? Tħobb tpatti? Id-dmirijiet tiegħek twettaqhom kif suppost? Tħobb tgħin, anke jekk ma tkunx mitlub?

6. **Ħin ta' skiet biex isir eżami tal-kuxjenza b'mod personali** *(tista' tintuża ftit background music)*

7. **Salm ta' ndiema: Salm 51** *(flimkien)*

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.
Għax jien nagħrafhom ħtijieti:
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.
Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek,
u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.
Ara, jiena ssawwart fil-ħtija,
u fid-dnub nisslitni ommi.
Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.
Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
Aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena,
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.
Dawwar wiċċek minn ħtijieti,

ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.
Eħlisni mill-piena tal-mewt, o alla,
Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek.
Iftaħli xufftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċu;
Noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla.
Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek;
erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Mbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa,
sagrifiċċji ta'vittmi maħruqa u mitmuma;
mbagħad joffrulek għoġiela fuq l-altar tiegħek.

## 8. L-istqarrija tal-ħtijiet

<u>*Flimkien*</u>:
Nistqarr 'l Alla li jista' kollox u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem u bl-għemil, u billi ħallejt dmirijieti. Ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-Imqaddsa Verġni Marija, lill-anġli u l-qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

<u>*Ċelebrant*</u>:
Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna u jwassalna għall-ħajj ta' dejjem.
Mulej, ħniena. /Mulej, ħniena.
Kristu, ħniena. /Kristu, ħniena.
Mulej, ħniena. /Mulej, ħniena.

## 9. Kant: <u>Missierna</u> *(tista' tiġi rreċtata flimkien)*

## 10. Qrar u assoluzzjoni individwali

- Il-ħin li fih isir il-qrar tajjeb li jkun akkumpanjat minn mumenti ta' silenzju, ħinijiet ta' talb, qari mill-Iskrittura, u *background music*.
- Biex jinftiehem aktar dak li jiġri fil-qrar, jista' jsir **<u>ġest</u>** żgħir individwali għal min iqerr: eż. wieħed jaħsel idejh, sinjal tas-safa' li jagħti Alla fil-qrar, u joqgħod bilqegħda f'post differenti biex tiġi enfasizzata l-bidla li seħħet permezz tal-maħfra.

## 11. Talba ta' radd il-ħajr *(flimkien)*

Ruħ ta' Kristu, qaddisni.
Ġisem ta' Kristu, salvani.
Demm ta' Kristu, ħeġġiġni.
Ilma tal-kustat ta' Kristu, aħsilni.
Passjoni ta' Kristu, sabbarni.
Ġesù ħanin, ismagħni.
Fil-pjagi tiegħek aħbini.
Tħallini qatt ninfired minnek.
Mill-għadu ħażin ħarisni.
Fis-siegħa ta' mewti sejjaħli.
Ġewwa ħdanek ilqagħni.
Biex ma' l-anġli u l-qaddisinin tiegħek
Infaħħrek għal dejjem ta' dejjem.
Amen.

## 12. Ġest: l-id fil-kustat

- Il-ġest li jmiss għandu jkun impenn konkret biex l-adolexxenti jiġu mistiedna juru fedeltà lejn il-kelma li taw, u fl-istess waqt irid ifisser att ta' mħabba lejn Kristu. (Jekk min imexxi jara li ċ-ċelebrazzjoni fiha ħafna tul, dan il-ġest jista' jitħalla barra.)
- **Tifsira tal-ġest**: f'rabta mal-ġrajja ta' Tumas fiċ-Ċenaklu, il-ġest għandu jfisser att ta' fidi u att ta' mħabba. Il-proponiment hu l-mod kif aħna "nuru" li rridu nħobbu lil Ġesù billi naħdmu biex nitqaddsu u naħarbu d-dnub.
- **Stedina**: min ikun imexxi jista' jiddeċiedi li l-ġest jinqeda bih bħala "sfida": min lest jagħmel sforz biex iħobb u jgħix il-proponiment, jersaq biex iqiegħed idu fil-kustat. Tkun ħaġa tajba li fil-laqgħa suċċessiva jerġa' jsir aċċenn għal dan il-ġest.

## 13. Barka taċ-ċelebrant

*Ċelebrant:* Il-Mulej magħkom.

*Flimkien:* U miegħek ukoll..

*Ċelebrant:*
Ġesù Kristu, li wera l-aqwa mħabba għalina fil-mewt tiegħu fuq is-salib, iberikkom u jagħtikom li tgħixu fil-grazzja tal-maħfra li rċevejtu fis-sagrament tal-ħniena u ta' l-imħabba ta' Alla.

*Flimkien:* Amen.

*Ċelebrant:* Morru fil-paċi ta' Kristu.

*Flimkien:* Inroddu ħajr lil Alla.

## 14. Kant

# 7. ĊELEBRAZZJONI TA' QIMA LIS-SALIB IMQADDES

## "Salib, sinjal ta' mħabba!"

Materjal meħtieġ:
1. Salib jew Kurċifiss ftit kbir u erba' xemgħat
2. Karti u lapsijiet għall-parteċipanti

- L-animatur ifisser kif se tkun imqassma ċ-ċelebrazzjoni u l-importanza tas-sinal tas-salib għan-nisrani. Għad li hu sinjal ta' tortura, għan-nisrani s-salib jesprima l-akbar imħabba: dik ta' Ġesù għall-umanità.

**1. Tislima**

*Ċelebrant:* Radd tas-salib.

Il-Mulej magħkom.

*Flimkien:* U miegħek ukoll.

**2. Kant u Purċissjoni bis-Salib**

- Is-salib *(li jkun imħejji f'xi post)* jinġarr mimdud minn xi adolexxenti u jitqiegħed f'post ċentrali fejn issir iċ-ċelebrazzjoni, possibilment merfugħ fuq *stand*. Erba' adolexxenti oħra jakkumpanjaw is-salib b'xemgħa mixgħula. *(Ix-xemgħat jitqegħdu maġenb is-salib.)*

**3. Tislima lis-Salib** *(alternat)*

*Ċelebrant:*
Is-sinjal tas-sultan riesaq lejna,
jiddi f'dawl misterjuż is-salib:
fuqu jitla' l-ħallieq, biex lill-bniedem
jerġa' jilqgħu bħal qabel b'ħabib.

*Grupp 1:*
Daqqa sħiħa ta' lanza fuq ġenbu
tiftaħ ġerħa fil-ġisem għażiż:
biex bid-demm u l-ftit ilma li joħroġ
niksbu ndafa ta' poplu qaddis.

*Grupp 2:*
Siġr sbejħa, li stħaqqlek tiżżejjen
bl-ilbies aħmar ta' demm is-sultan,
inti biss kont magħżula biex fuqek
tilqa' l-ġisem qaddis tas-Segħan.

*Ċelebrant:*
Hienja int! Ma’ dirgħajk kien imdendel
prezz il-fidwa mill-jasar tad-dnub:
ħaddant miegħek il-ġisem ta’ Kristu,
ħtaft il-priża lill-għadu megħlub.

*Grupp 1:*
Sliem għalik, altar għani tal-Vittma,
li t-tbatija żejnitek bir-rebħ:
fuqek mietet il-ħajja biex tagħti
lilna l-ħajja w timliena bis-sebħ.

*Grupp 2:*
Sliem għalik, o salib, tama tagħna!
Taħtek nersqu bit-talb f’dan iż-żmien:
kun għat-tajjeb il-għajn ta’ kull grazzja,
kun għall-ħati ta’ maħfra w ħelsien.

*Flimkien:*
Trinità li salvajtna, kull ħliqa
ħajr u barka quddiemek iġġib:
ieqaf dejjem b’għajnuna ħanina
ma’ kull min issalvah bis-salib. Amen.

**4. Kant: Glorja u tifħir lilek, Kristu**

Glorja u tifħir lilek, Kristu. (x2)

Minħabba fina Kristu obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.
Għalhekk Alla għollih sas-smewwiet,
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem.

Glorja u tifħir lilek, Kristu. (x2)

**5. Qari mill-Kelma t’Alla**

Mill-Vanġelu ta’ San Ġwann (3,14-17)

Kif Mosè refa’ s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem, biex kull min jemmen, fih ikollu l-ħajja ta’ dejjem. Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

*Il-Kelma tal-Mulej. /Tifħir lilek, Kristu.*

**6. Riflessjoni**

- Jekk ikun possibbli, tista’ tiġi mistiedna xi persuna li tagħti esperjenza personali ta’ tbatija.

**7. Mument qasir ta' talb personali fis-silenzju**

- Jista' jitbaxxa d-dawl, u jitħalla *spot* fuq is-salib.

**8. Innu ta' qima lis-Salib** *(alternat)*

*Grupp 1:*
Sqewh ħall, sawtuh bil-qasba,
nifduh bl-imsiemer, b'lanza;
mill-ġisem safi ħareġ
u gelgel demmu kollu.
O f'liema xmara nħaslu
is-sema l-art u l-kwiekeb!

*Grupp 2:*
Salib, sinjal ta' mħabba,
int l-aqwa fost is-siġar:
m'hemmx oħra tixbaħ lilek
fil-frott, fil-ward u l-werqa!
O msiemer, għuda ħelwa,
X'piż ħelu rfajtu fuqkom.

*Grupp 1:*
O siġra kbira w għolja,
il-friegħi tiegħek baxxi,
u rattab l-ebusija
li tatek in-natura:
kun sodda ratba w xierqa
għall-ġisem tar-Re tagħna.

*Grupp 2:*
Int biss kont dik li stħaqqlek
il-prezz tal-fidwa tnewwel,
u tħejji port għall-bniedem
biex fih mill-għarqa jsalva,
maħsul fid-Demm Imqaddes
li tah il-Ħaruf t'Alla.

*Flimkien:*
Tingħata dejjem glorja
kif lill-Missier u 'l-Iben
hekk lill-Ispirtu s-Santu,
it-Trinità qaddisa,
li l-grazzja tagħha fdietna
u dejjem qiegħda żżommna. Amen.

9. **Ġest: Impenn għal ġurnata ta' min ibus is-Salib**

- Jitqassmu karti u lapsijiet. L-adolexxenti jiġu mistiedna jiktbu fuq karta liema tip ta' impenn ta' mħabba (*eż. sawma, żjara lil Ġesù Ewkaristija f'xi knisja, żjara lil xi marid, servizz volontarju, eċċ)* se jieħdu għal ġurnata partikulari li jagħżlu huma, b'sinjal li jridu jippruvaw jimxu wara Ġesù.
- Importanti li jinżamm ambjent ta' silenzju, akkumpanjat minn *background music*.
- Bil-prudenza meħtieġa, iċ-ċelebrant jista' jara jekk hemmx min lest jgħid quddiem sħabu x'tip ta' impenn se jieħu.

10. **Stedina għall-bews tas-Salib**

- Iċ-ċelebrant jorbot il-bewsa lis-salib mal-kelma li l-adolexxenti se jagħtu li jżommu l-impenn li ħadu.
- Dan il-mument ikun akkumpanjat b'xi *background music*.

11. **Kant**

12. **Talb tal-komunità**

<u>Animatur</u>: Għal kull invokazzjoni nwieġbu:
- **Salvana int, o Salvatur tad-dinja, għax b'salibek u l-mewt tiegħek fdejt id-dinja.**

*<u>Qarrej 1</u>:*
Id-dinja għandha bżonnok, Mulej Ġesù, biex il-bnedmin kollha jgawdu żmien ta' ġustizzja u paċi bejniethom …

*<u>Qarrej 2</u>:*
Il-Knisja għandha bżonnok, Mulej Ġesù, biex ma tehda qatt tistqarrek bħala s-salvatur tal-bnedmin …

*<u>Qarrej 3</u>:*
Il-familji għandhom bżonnok, Mulej Ġesù, biex jegħlbu d-diffikultajiet tal-ħajja tal-lum u jibqgħu jgħożżu l-fedeltà u l-imħabba …

*<u>Qarrej 4</u>:*
Il-morda għandhom bżonnok, Mulej Ġesù, biex isibu fik faraġ u fejqan, u joffru t-tbatija u l-mard tagħhom b'fidwa għall-midinbin …

*<u>Qarrej 5</u>:*
Il-midinbin għandhom bżonnok, Mulej Ġesù, biex jagħrfu l-kruha tad-dnub u l-konsegwenzi ħżiena li d-dnub iġib miegħu, u jitqanqlu bl-indiema quddiem il-ħniena u l-maħfra tiegħek …

*<u>Qarrej 6</u>:*
Aħna għandna bżonnok, Mulej Ġesù, biex inkomplu nimxu warajk u nikbru fil-qdusija …

**13. Talba lil Ġesù Msallab** *(flimkien)*

Hawn jien, o Ġesù maħbub tiegħi,
mixħut quddiem il-preżenza tiegħek,
nitolbok bl-iżjed ħrara li tistampa fil-qalb tiegħi
sentimenti ta' fidi, ta' tama, ta' mħabba,
ta' ndiema ta' dnubieti, ta' dulur,
u ta' proponiment li ma noffrendik qatt iżjed,
filwaqt li bl-imħabba u l-ħniena kollha
sejjer inġib quddiem għajnejja l-ħames pjagi tiegħek,
u nibda minn dak li qal fuqek il-qaddis profeta David:
"Nifduli jdejja u riġlejja, u għaddewli għadmi kollu".

**14. Tislima ta' l-aħħar u barka**

*__Ċelebrant__:* Ġesù li qal: "Meta nkun merfugħ mill-art niġbed 'il-bnedmin kollha lejja", jiġbidkom lejh bil-ħarsa ta' mħabbtu u jsaħħaħkom fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba.

*__Flimkien__:* Amen.

*__Ċelebrant__:* Morru fil-paċi ta' Kristu.

*__Flimkien__:* Inroddu ħajr lil Alla.

**15. Kant**

## 8. IL-PAROBBOLA TA' L-IBEN IL-ĦALI FI DRAMM QASIR GĦAT-TFAL

### Inqum u mmur għand Missieri

*Kitba:* **Dun Ġwann Sultana**

**Jieħdu sehem:**

1. Narratur
2. Missier
3. Tumas (l-Iben iż-żgħir)
4. Samweli (l-Iben il-Kbir)
5. Amministratur
6. Raġel tal-logħob
7. Raġel 1
8. Raġel 2
9. Mara 1
10. Mara 2
11. Ħabib
12. Ragħaj
13. Lavrant
14. Qżieqeż

**<u>*Xena 1:*</u> <u>Fid-dar tal-missier</u>**

*Narratur* : Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied.

*Missier* : Tumas, għax trid titlaq minn dar missierek, fejn issib dak kollu li bniedem jista' jixtieq?

*Iben* : Missier, issa kbirt u rrid ngħix għal rasi, irrid niddeċiedi jien x'nagħmel b'ħajti. Irrid nagħmel fortuna minn ħajti b'dawn idejja stess. Nitolbok, agħtini dak li hu tiegħi mill-wirt tiegħek.

*Amministratur* :Skond il-liġi tagħna l-Lhud, iż-żgħir fost l-ulied għandu d-dritt għal kwart li jieħu l-kbir.

*Missier* : Allura ikteb hekk u hekk ikun.

*(L-amministratur jikteb fuq karta t-testment u l-missier jiffirmaha. Il-missier jagħtiha lil ibnu ż-żgħir.)*

*Tumas* : Inbiegħ kollox, u nitlaq minn din id-dar. Sa fl-aħħar, issa se nibda nagħmel dak li rrid jien, u mhux aktar dak li jrid missieri. Daqshekk tittrattawni ta' tifel żgħir.

*Samweli* : X'għidt? Il-propjetà ta' missierna trid tarmiha hekk? Int miġnun!

*Missier* : Iskot Samweli! Ħuk għandu d-dritt li jagħmel li jrid b'dak li jmiss lilu mill-wirt.

## *Xena 2:* Fit- triq

*Narratur* : Ftit ġranet wara, l-iben iż-żgħir ġabar dak kollu li hu tiegħu u telaq lejn pajjiż imbiegħed.

*Tal-logħob* : Trid tilgħab?

*Tumas* : Iva.

*(L-iben iż-żgħir jibda jilgħab kollu ferħan.)*

*Tumas* : Illum xortija tajba!

*(Wara ftit ħin jilgħab u ma jirbaħ xejn it-tifel iż-żgħir jinduna li tilef ħafna flus u jqarras wiċċu mdejjaq.)*

*Raġel 1* : Miskin, tilef kollox.

*Raġel 2* : Ma bagħqalux sold wieħed fil-barżakka.

*Tal-logħob* : Jiddispjaċini, tlift. Trid terġa' tipprova?

*Tumas* : Għal-lum daqshekk.

*Tal-logħob* : Ma jimpurtax, għada erġa' ejja.

## *Xena 3:* Filgħaxija, f'ħanut tax-xorb

*Tumas* : Newwlilna ġarra nbid oħra.

*Mara 1* : Il-ħabib tiegħek għandu għatx kbir.

*Mara 2* : Għandu ħafna flus ukoll.

*Ħabib :* Il-vera rikkezza huma l-ħbieb, u għalhekk jien sinjur ukoll. Tumas, għax ma nagħtux rigal lil dawn il-ħbieb tagħna?

*Tumas* : (*Kważi fis-sakra*) Iva. Sewwa qed tgħid, nagħtuhom rigal. *(Ifittex il-flus fil-barżakka.)* U ejja, fejn intom, flus? Kif ma nistax inġibhom? Qed ngħidilkom, oqgħodu hemm!

*Mara 1* : Ħalli f'idejja, ħanini, ħa nsibhom jien.

*Tumas* : Ej, bil-mod! Dawk il-flus tiegħi.

*Mara 2* : Taħseb li dawn ħafna għal din is-serata sabiħa li offrejnielek?

*Tumas* : U iva, ħuduhom kollha, fl-aħħar mill-aħħar, il-vera rikkezza huma l-ħbieb.

*Raġel* : Sewwa qed tgħid, min isib ħabib, isib teżor!

*(Kulħadd jibda ħiereġ u jħalluh waħdu fis-sakra.)*

*Tumas* : Ej, intom, stennewni, dalwaqt ġej. Mela se tħalluni waħdi? Taparsi ħbieb!

## <u>*Xena 4:* Lura mill-għalqa, bil-qżieqeż</u>

*Narratur* : Meta kien nefaq u berbaq kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' għaks u ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-qżieqeż.

*Tumas* : Ejja isaw, idħlu l-ġewwa, ja qżieqeż li intom!

*Ragħaj* : Ibża' għalihom dawk il-qżieqeż, għax inkella l-imgħallem ikeċċik.

*Tumas* : Dan għax jagħtini gidma ħobż kuljum? Tant jien bil-ġuħ li kapaċi niekol dak il-ħarrub li jieklu l-qżieqeż.

*Ragħaj*: Neħħiha minn moħħok, il-ħarrub kollu għall-qżieqeż.

*Tumas* : Hawn il-qżieqeż huma aktar importanti mill-bnedmin!

*Ragħaj* : Għadek ma ndunajtx?

*Tumas* : Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri u ngħidlu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek, żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek".

*(Tumas jaqbad il-bastun u jitlaq minn fuq il-post.)*

## <u>*Xena 5:* Mill-ġdid f'dar missieru</u>

*Narratur :* U Tumas reġa' mar għal għonq it-triq li twassal għand missieru ...

*Missier :* Imma dak qisu ... iva, dak Tumas tiegħi, Tumas reġa' ġie lura… oħorġu minn hemm. Tumas reġa' ġie lura!

*Tumas* : Missier!

*Missier* : Ibni! Erġajt lura!

*Tumas* : Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek.

*Missier* : X'inti tgħid, ibni?

*Tumas* : Ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.

*Missier* : "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab!

*Narratur* : Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa, u reġa' lura. Kif wasal qrib id-dar, sema' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh.

*Sanweli* : Ej, int. X'inhu jiġri fid-dar? Dan id-daqq kollu għalfejn?

*Qaddej* : Hawn ħuk. U missierek se jtir bil-ferħ. Qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax reġa' kisbu qawwi u sħiħ. Isa, idħol għax kulħadd qed jistenniek. Int biss kien jonqos.

*Samweli* : Għid lil missieri jagħmel il-festa u jiċċelebra mingħajri. Se nibqa' barra. Għandi affarijiet oħra x'nagħmel.

*(Il-missier joħroġ barra jiltaqa' ma' ibnu l-kbir.)*

*Missier* : Samweli, għax ma tridx tiġi magħna biex nagħmlu festa lil ħuk?

*Samweli* : Jien m'għandix ħuti.

*Missier* : X'int tgħid, ibni? Ħuk Tumas reġa' ġie lura d-dar! Ma tridx tiġi ssellimlu ta' l-inqas?

*Samweli* : Ara, ilni dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirtihielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ mal-ħbieb. Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa tat-triq u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen.

*Missier* : Ibni, inti dejjem miegħi u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek.

*Samweli* : Issa mur ħdejn dan ibnek li kien abbandunak u ħaseb biss biex jiddeverti.

*Missier* : Imma int ma tifhimx, Samweli? Ma tifhimx li kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab?

*Tmiem*

# 9. L-GĦEMEJJEL TA' PENITENZA FIL-MIXJA TAL-KONVERŻJONI

## 1. Is-sens u l-valur tal-penitenza fil-ħajja tan-nisrani

### *1.1. Il-penitenza tar-ruħ*

Kif ġara fi żmien il-profeti, l-istedina ta' Ġesù għall-indiema u għall-penitenza ma kinitx fil-bidu tintwera b'għemil minn barra, "in cinere et cilicio" (bl-irmied uċ-ċilizzju), bis-sawm u t-tgħakkis, imma bil-*konverżjoni tal-qalb u l-penitenza fir-ruħ*. Mingħajr dan, l-għemejjel kollha tal-penitenza li nagħmlu ma jkollhomx frott u jkunu gidba, waqt li l-konverżjoni fir-ruħ minn ġewwa tfittex li turi ruħha minn barra permezz ta' sinjali li jidhru, ta' ġesti u ta' għemil ta' penitenza *(ara Ġoel 2,12-13; Is 1,16-17; Mt 6,1-6.16-18)*. [KKK 1430]

### *1.2. Il-ħafna suriet ta' penitenza fil-ħajja nisranija*

Il-penitenza fir-ruħ, minn ġewwa, tan-nisrani tista' tintwera b'ħafna manjieri. L-Iskrittura Missirijiet il-Knisja jinsistu l-aktar fuq tliet manhjieri: *is-sawm, it-talb u l-karità (ara Tob 12,8; Mt,6,1-18)*: dawn ifissru li wieħed inbidel, ikkonverta, fir-relazzjonijiet miegħu nnifsu, fir-relazzjonijiet ma' Alla u fir-relazzjonijiet ma' għajru... [KKK 1434]

Fil-ħajja ta' kuljum, il-konverżjoni sseħħ permezz ta' ġesti ta' rikonċiljazzjoni, ta' ħerqa għall-foqra, tat-tħaddim u tal-ħarsien tal-ġustizzja u tad-dritt... [KKK 1435]

### *1.3. Il-preċetti tal-Knisja (tieni edizzjoni korretta)*

Ir-raba' preċett (Il-ħarsien tal-ġranet ta' l-astinenza u tas-sawm iffissati mill-Knisja) iħares iż-żminijiet taċ-ċaħda u tal-penitenza bħala tħejjija għall-festi tal-Liturġija u jgħinuna naħkmu l-istinti tagħna u niksbu l-libertà tal-qalb. [KKK 2041-2043]

## 2. Il-ġranet tal-penitenza

2.1. Il-Knisja titlob lil-insara kollha jagħmlu penitenza kull wieħed skond il-mod tiegħu. Iżda biex l-insara kollha jingħaqdu flimkien għal ċertu ħasrsien tal-penitenza, hemm iffissati xi ġranet ta' penitenza li fihom l-insara, b'mod speċjali, jagħtu ruħhom għat-talb, għall-għemejjel ta' devozzjoni u mħabba, għaċ-ċaħda tagħhom infushom, billi jaqdu aħjar dmirijiethom u l-aktar billi jħarsu s-sawl u l-astinenza. (Kan. 1249)

2.2. Il-ġranet ta' penitenza fil-Knisja Universali huma l-Ġimgħat kollha tas-sena u żmien ir-Randan. (Kan. 1250)

2.3. Wieħed għandu jħares l-astinenza mil-laħam jew minn ikel ieħor – skond id-dispożizzjonijiet tal-Konferenza Episkopali - fil-Ġimgħat kollha tas-sena, barra dawk li fihom taħbat xi solennità. L-ASTINENZA U S-SAWM għandhom ikunu mħarsa fl-Erbgħa tar-Rmied (Ras ir-Randan) u nhar il-Ġimgħa tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej (il-Ġimgħa l-Kbira). (Kan. 1251)

2.4. Huma marbutin li jħarsu l-LIĠI TA' L-ASTINENZA dawk kollha li għalqu l-erbatax-il sena; għandhom iħarsu l-LIĠI TAS-SAWM il-maġġorenni (jiġifieri dawk li għalqu t-tmintax-il sena) sa ma jdħlu fis-sittin sena. Iżda r-ragħajja ta' l-erwieħ u l-

ġenituri għandhom iħabirku biex dawk kollha li għadhom m'humiex obbligati li jħarsu l-liġi tas-sawn u ta' l-astinenza għax taħt l-età, jitrawmu fil-veru sens tal-penitenza. (Kan. 1552)

2.5. Il-KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA, waqt li tfakkar li skond il-Kan. 1250 il-jiem u ż-żminijiet tal-penitenza fil-Knisja huma l-Ġimgħat kollha ta' matul is-sena u ż-żmien tar-Randan, wara li eżaminat il-Kan. 1251 u 1253, kif ukoll iċ-ċirkustanzi attwalit aż-żewġ djoċesijiet, biex jitneħħa kull ekwivoku, iddeċidiet li tagħti dawn in-normi dwar l-ASTINENZA:

2.5.1. Fit-termini tal-Kan. 1253 l-obbligu ta' l-astinenza jiġi mħares billi n-nisrani jagħmel wieħed minn dawn l-għemejjel li ġejjin:

a. jastjeni ruħu minn kull xorb alkoħoliku;
b. ma jpejjipx;
ċ. jiċċaħħad minn xi divertiment;
d. jieħu sehem f'quddiesa, jew jagħmel il-Via Sagra;
e.jitlob aktar mal-familja (speċjalment ir-Rużarju);
f. jaqra l-Iskrittura Mqaddsa;
ġ. irażżan l-infiq u jagħti karità;
g. iżur il-morda jew ix-xjuħ li huma waħedhom.

2.5.2. F'Ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira għandu jibqa' ħrares l-obbligu ta' l-astinenza mil-laħam jew minn ikel ieħor, kif ukoll l-obbligu tas-sawm.

## WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| | Kelmtejn qabel ........................................................... | 2 |
| 1. | Tħabbira tar-Randan Imqaddes ............................................ | 4 |
| 2. | Riflessjonijiet dwar il-Vanġelu tal-Ħdud tar-Randan ................. | 7 |
| 3. | Il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħdud tar-Randan – Sena Ċ ................. | 19 |
| 4. | Temi għall-Omelija tal-Ħdud tar-Randan ................................ | 21 |
| 5. | Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2007 ................................ | 34 |
| 6. | Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-adolexxenti ........................ | 39 |
| 7. | Ċelebrazzjoni ta' qima lis-Salib Imqaddes ........................ | 45 |
| 8. | Il-Parobbola ta' l-Iben il-Ħali fi dramm qasir għat-tfal ................. | 50 |
| 9. | L-għemejjel ta' penitenza fil-mixja tal-konverżjoni ................. | 54 |